



Dokument ta' sessjoni

A9-0044/2022

16.3.2022

RAPPORT

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew (2021/2107(DEC))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Daniel Freund

WERREJ

	Paġna
1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
2. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	38
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	39
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	40

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew (2021/2107(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020¹,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020 (COM(2021)0381 – C9 0259/2021)²,
- wara li kkunsidra r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għas-sena finanzjarja 2020, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew³,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Awditur Intern għas-sena finanzjarja 2020,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet⁴,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni⁵ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2020, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikolu 318 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012⁶, u b'mod partikolari l-Artikoli 260, 261 u 262 tiegħu,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Bureau tal-10 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regoli interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 34 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100, l-Artikolu 104(3) u l-Anness V tar-Regoli ta'

¹ ĠU L 57, 27.2.2020.

² ĠU C 436, 28.10.2021, p. 1.

³ ĠU C 281, 13.7.2021, p. 1.

⁴ ĠU C 430, 25.10.2021, p. 7.

⁵ ĠU C 436, 28.10.2021, p. 207.

⁶ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Proċedura tiegħu,

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0044/2022),
- A. billi l-President adotta l-kontijiet tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2020 fid-9 ta' Ġunju 2021;
- B. billi s-Segretarju Ġenerali, bħala l-uffiċjal awtorizzanti prinċipali b'delega, fil-25 ta' Ġunju 2021, iċċertifika b'aċċertament raġonevoli li r-riżorsi assenjati għall-baġit tal-Parlament intużaw għall-iskopijiet previsti, f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-proċeduri ta' kontroll stabbiliti joffru l-garanziji neċessarji ta' legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi;
- C. billi fl-awditu tagħha l-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li, fil-valutazzjoni speċifika tagħha tal-infiq amministrattiv u ta' nfiq ieħor fl-2020, ma identifikat l-ebda dgħufija serja fir-rapporti annwali tal-attività tal-istituzzjonijiet u tal-korpi li eżaminat kif meħtieġ bir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046;
- D. billi l-Artikolu 262(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 jirrikjedi li kull istituzzjoni tal-Unjoni tiegħu l-passi adatti kollha biex taġixxi fuq l-osservazzjonijiet li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza tal-Parlament;
- 1. Jagħti l-kwittanza lill-President tiegħu għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2020;
- 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
- 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

2. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew (2021/2107(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100, l-Artikolu 104(3) u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0044/2022),
- A. billi, fiċ-ċertifikazzjoni tiegħu tal-kontijiet finali, l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Parlament Ewropew (il-"Parlament") iddikjara l-aċċertament raġonevoli tiegħu li l-kontijiet, fl-aspetti materjali kollha, jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati tal-operazzjonijiet u l-flussi tal-flus tal-Parlament;
- B. billi, f'konformità mal-proċedura tas-soltu, intbagħtu 191 mistoqsija lill-amministrazzjoni tal-Parlament u t-tweġibiet bil-miktub waslu u ġew diskussi pubblikament mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament, fil-preżenza tal-Viċi President responsabbli għall-Baġit, is-Segretarju Ġenerali, id-direttur tal-Awtorità għall-Partiti Poliċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Poliċi Ewropej (l-"Awtorità") u l-awditur intern;
- C. billi, dejjem hemm lok għal titjib f'termini ta' kwalità, effiċjenza u effikaċja fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, l-iskrutinju huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li t-tmexxija politika u l-amministrazzjoni tal-Parlament jagħtu rendikont ta' għemilhom liċ-ċittadini tal-Unjoni,

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Parlament

1. Jinnota li l-appropriazzjonijiet finali tal-Parlament għall-2020 ammontaw għal EUR 2 038 745 000, jew 18,1 % tal-intestatura V tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali⁷ allokati għall-infiq amministrattiv għall-2020 tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fit-totalità tagħhom, li jirrappreżentaw żieda ta' 2,1 % fuq il-baġit tal-2019 (EUR 1 996 978 262), iżda fl-istess ħin tnaqqis ta' 0,4 % fis-sehem relattiv tagħhom fil-baġit kumplessiv;
2. Jinnota li d-dħul totali li tniżżel fil-kontijiet sal-31 ta' Diċembru 2020 kien jammonta għal EUR 203 449 523 (meta mqabbel ma' EUR 207 521 070 fl-2019), li jinkludi EUR 33 567 305 minn dħul assenjat (meta mqabbel ma' EUR 36 566 236 fl-2019);

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

3. Jenfasizza li erba' kapitoli kienu jirrappreżentaw 67,6 % tal-impenji totali: il-Kapitolu 10 (Membri tal-istituzzjoni), il-Kapitolu 12 (Uffiċjali u persunal temporanju), il-Kapitolu 20 (Bini u spejjeż relatati) u l-Kapitolu 42 (Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari), li jindika livell għoli ta' riġidità għall-biċċa l-kbira tan-nefqa tal-Parlament;
4. Jinnota ċ-ċifri li abbażi tagħhom ingħalqu l-kontijiet tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2020, jiġifieri:

(a) Approprjazzjonijiet disponibbli (EUR)	
approprjazzjonijiet għall-2020:	2 038 745 000
riporti mhux awtomatiċi mis-sena finanzjarja 2019:	---
riporti awtomatiċi mis-sena finanzjarja 2019:	274 260 660
approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għal dħul assenjat għall-2020:	33 567 305
riporti li jikkorrispondu għal dħul assenjat mill-2019:	32 413 449
Total:	2 378 986 414
(b) Użu ta' approprjazzjonijiet fis-sena finanzjarja 2020 (EUR)	
impenji:	2 258 910 984
pagamenti li saru:	1 862 291 046
approprjazzjonijiet riportati awtomatikament inklużi dawk li ġejjin minn dħul assenjat:	395 843 062
approprjazzjonijiet riportati mhux awtomatikament:	74 900 000
approprjazzjonijiet ikkanċellati:	44 577 406
(c) Dħul tal-baġit (EUR)	
riċevut fl-2020:	203 449 523
(d) Karta tal-bilanċ totali fil-31 ta' Diċembru 2020 (EUR)	
	1 690 096 152

5. Jirrimarka li 95,7 % tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit tal-Parlament, li jammontaw għal EUR 1 950 750 955, ġew impenjati, b'rata ta' kanċellazzjoni ta' 0,8 %; jinnota b'sodisfazzjon li, bħal ma ġara fis-snin preċedenti, inkiseb livell għoli ħafna ta' implimentazzjoni tal-baġit; jinnota li l-pagamenti ammontaw għal EUR 1 590 035 012, u dan irriżulta f'rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament ta' 81,5 %;
6. Jissottolinja l-fatt li l-appropriazzjonijiet ikkanċellati għas-sena 2020 li jammontaw għal EUR 17 292 007, prinċipalment kienu relatati ma' nefqa relatata mal-bini, mal-

produzzjoni u mad-disseminazzjoni, kif ukoll mar-remunerazzjoni, mal-computing u mat-telekomunikazzjoni;

7. Jinnota li fis-sena finanzjarja 2020 ġew approvati tnaqsi-trasferiment f'konformità mal-Artikoli 31 u 49 tar-Regolament Finanzjarju, li jammontaw għal EUR 183 933 785 jew 9 % tal-appropriazzjonijiet finali; josserva li 76,4 % tal-fondi ttrasferiti kienu relatati mal-politika tal-bini tal-Parlament u fil-biċċa l-kbira, biex jiffinanzjaw ix-xiri tal-binja Wiertz u l-pagamenti annwali għall-proġett tal-binja Adenauer II;

L-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-2020 u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet

8. Ifakkar li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") twettaq valutazzjoni speċifika tal-infiq amministrattiv u ta' nfiq ieħor bħala grupp ta' politiki uniku għall-istituzzjonijiet Ewropej kollha; jenfasizza li l-infiq amministrattiv u l-infiq relatat jinkludu l-infiq fuq ir-riżorsi umani (is-salarji, l-indennizzi u l-pensjonijiet), li jirrappreżenta 60 % tat-total, u fuq il-bini, it-tagħmir, l-enerġija u t-teknoloġiji tal-komunikazzjoni u tal-informazzjoni;
9. Jinnota li l-evidenza għall-awditjar kumplessiva tindika li l-infiq fuq l-amministrazzjoni mhux affettwat minn livell ta' żball materjali;
10. Jinnota bi tħassib, is-sejba speċifika mill-Qorti, fir-rapport annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020, ta' żbalji f'żewġ pagamenti (i) pagament eċċessiv għas-servizzi tal-IT ikkawżat minn applikazzjoni mhux korretta tal-klawżoli kuntrattwali u (ii) pagament mhux korrett ta' indennizz tas-sussistenza lil Membru, wara żball f'lista tal-attendenza; jiddispjaċih li s-sistema ta' kontroll stabbilita, dawk l-iżbalji la rnexxielha tevitahom, u lanqas taqbadhom; jistieden lill-Parlament jispjega kif sejhew dawn l-iżbalji u l-miżuri li ttieħdu biex jiġu kkoreġuti, u jiżgura li ma jistgħux jergħu jseħħu fil-futur kif ukoll jiżgura li sa tmiem l-2022 iħallas biss l-indennizzi ta' kuljum lill-Membri li jikkwalifikaw għalihom;
11. Jinnota t-tweġiba mogħtija mill-Parlament fil-proċedura kontradittorja li aċċettat ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti; jinnota li fl-2019, il-Parlament nieda proġett biex tiġi awtomatizzata r-reġistrazzjoni tal-attendenza permezz tat-teknoloġija bijometrika fir-reġistru ċentrali tal-attendenza u fil-kmamar parlamentari, u li tali teknoloġija kellha l-għan li telimina l-iżbalji u tiżgura li l-indennizz tas-sussistenza ta' kuljum jirċevuh biss dawk il-Membri li fil-fatt huma intitolati għalih; jiddispjaċih li minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-proġett ittardja ftit; jinnota li l-amministrazzjoni tal-Parlament, fuq il-mandat tal-Bureau, iffirmit kuntratt għal dak il-proġett fi tmiem l-2020, u wkoll li l-kontrollur tad-data tal-Parlament bħalissa qed jivvaluta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data li waslu fl-aħħar ta' Marzu 2021;
12. Jenfasizza li l-Qorti eżaminat b'mod aktar partikolari l-proċeduri ta' akkwist pubbliku tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għax-xiri ta' tagħmir protettiv personali għall-membri tal-persunal tagħhom fl-2020; jinnota li l-Qorti vverifikat tliet proċeduri ta' akkwist organizzati mill-Parlament biex jinxtraw maskri protettivi, detetturi tat-temperatura u testijiet tal-COVID-19; jissottolinja li l-akkwist urġenti ta' tagħmir fl-istadji bikrija tal-pandemija tal-COVID-19 kien ta' sfida minħabba ż-żieda fid-domanda u l-kompetizzjoni bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-pajjiżi; jinnota li l-Qorti, f'każ wieħed relatat max-xiri ta' maskri tad-drapp, sabet li r-rekwiżiti stabbiliti mill-Parlament fl-ispeċifikazzjonijiet

tal-offerta kienu wesgħin wisq biex jippermettu valutazzjoni tal-konformità, u li l-offerenti rebbieħa ma inkludewx evidenza sħiħa fl-offerta tagħhom li r-rekwiżiti minimi kollha tal-kwalità ġew issodisfati fiż-żmien tal-ikkuntrattar, bħal evidenza relatata mal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew mad-durabbiltà tal-maskri;

Ir-rapport annwali tal-awditur intern

13. Jinnota li, fil-laqgħa bejn il-kumitat responsabbli u l-awditur intern li saret fit-30 ta' Novembru 2021, l-awditur intern ippreżenta r-rapport annwali tiegħu u ddeskriva l-awditi ta' aċċertament li wettaq u rrapporta dwarhom, li fl-2020 koprew is-suġġetti li ġejjin:
 - awditu tal-gruppi ta' viżitaturi (Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DĠ COMM));
awditu tal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (Direttorat Ġenerali għall-Finanzi (DĠ FINS));
 - it-tieni rapport dwar l-awditu tas-sistemi tal-informazzjoni: il-ġestjoni tal-identità u tal-aċċess (DĠ IPOL, DĠ FINS, DĠ LINC, DĠ TRAD u DĠ ITEC);
 - rieżami preliminari tal-qafas ta' protezzjoni tad-data tal-Parlament;
 - segwitu tal-azzjonijiet miftuħa mir-rapporti tal-awditjar interni - fażijiet 1 u 2 tal-2020.
14. Jilqa' u jappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin li l-awditur intern laħaq ftehim dwarhom mad-direttorati ġenerali responsabbli, b'riżultat tal-kompiti ta' aċċertament:
 - fir-rigward tal-awditu tal-gruppi ta' viżitaturi, żieda fl-aċċertament tar-regolarità tal-pagamenti u fl-effiċjenza tal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji, inklużi definizzjonijiet aħjar tal-ispejjeż eliġibbli u tal-kundizzjonijiet għall-pagament tagħhom u tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal kull żjara; żieda fl-allinjament bejn il-kontribuzzjoni u l-ispejjeż reali marbuta direttament maż-żjara; finalizzazzjoni tal-kontrolli *ex post* għall-2017 u t-tnedija ta' programm annwali ta' kontroll għas-snin sussegwenti kollha sal-lum, u t-tisħiħ tal-kontrolli *ex ante* fuq ir-rimborżi; ratifika tal-obbligi kuntrattwali tal-aġenziji tal-ivvjaġġar lejn il-Parlament, meta jaġixxu bħala kapijiet ta' gruppi; kjarifika tar-regoli li jirregolaw il-gruppi ta' viżitaturi biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' assimilazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja għal attivitajiet mhux marbuta direttament mal-programm tal-gruppi ta' viżitaturi;
 - fir-rigward tal-ewwel fażi tal-awditu tal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, rikonoxximent tal-fatt li l-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej ("l-Awtorità") kellha riżorsi limitati ħafna fil-bidu tagħha għall-istabbiliment ta' proċeduri ġodda ta' ġestjoni u kontroll; kunsiderazzjoni tal-fatt li għad hemm oqsma ta' responsabbiltajiet konġunti jew li jikkoinċidu bejn l-Awtorità u d-DĠ FINS li jipprevedu aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni prevista bil-leġiżlazzjoni ewlenija li

tirregola l-proċess ta' reġistrazzjoni, jiġifieri r-Regolament (UE) 1141/2014⁸, u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tiegħu; identifikazzjoni ta' għadd ta' dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċess ta' reġistrazzjoni fir-Regolament li għalihom jista' jkun hemm skop biex jissaħħu ċ-ċarezza, il-komprensività u l-faċilità tal-applikazzjoni;

- rigward it-tieni rapport dwar l-awditu tas-sistemi tal-informazzjoni: ġestjoni tal-identitajiet u tal-aċċess, filwaqt li jitnaqqas għal minimu assolut l-għoti ta' drittijiet ta' aċċess privileġġat għall-bażi ta' data tal-applikazzjonijiet fl-ambjent tal-produzzjoni; tisħiħ tal-kontrolli tal-aċċess għall-bażijiet ta' data tal-applikazzjonijiet u għall-kontijiet minn applikazzjoni għal applikazzjoni; tisħiħ tal-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess individwali sabiex jiġu ddefiniti r-regoli dwar il-kontroll tal-aċċess u jiġu mmonitorjati aħjar id-drittijiet ta' aċċess individwali;
 - fir-rigward tar-rieżami preliminari tal-qafas tal-protezzjoni tad-data tal-Parlament, li ġie adottat fis-17 ta' Frar 2021, it-tisħiħ tal-kapaċità tal-kontrolluri tad-data li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/1725⁹, u żieda fis-sensibilizzazzjoni fost il-membri tal-persunal li jipproċessaw id-data personali; żgurar li s-servizz tal-protezzjoni tad-data jkollu biżżejjed persunal; żgurar ta' aġġornament urġenti tar-reġistru ċentrali tal-Parlament tal-attivitajiet tal-ipproċessar li jittrattaw id-data personali; tisħiħ tal-livell ta' sigurtà tas-sistemi tal-IT li jipproċessaw id-data personali; titjib fil-ġestjoni tat-tneħħija tal-aċċess;
15. Jinnota li l-proċess ta' segwitu tal-2020 irriżulta fl-għeluq ta' 61 azzjoni mill-108 miftuħa; jinnota li minbarra dawn l-azzjonijiet ivvalidati, kien hemm total ta' 47 azzjoni miftuħa mir-rapporti tal-awditjar, inklużi dawk li għadhom mhux dovuti għall-implimentazzjoni, u li 15 minn dawk l-azzjonijiet jindirizzaw riskju sinifikanti; jiddispaċih li xi wħud mill-azzjonijiet imsemmija hawn fuq ġew irrakkomandati diversi snin ilu iżda baqgħu ma ġewx implimentati; jistenna li d-direttorati ġenerali differenti jiżguraw li l-azzjonijiet li suppost saru jingħalqu mingħajr aktar dewmien u li l-azzjonijiet miftiehma jiġu implimentati f'konformità mad-dati ta' skadenza stabbiliti fir-rapport annwali tal-awditur intern; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jipprovdi rapport lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-għeluq tal-azzjonijiet pendenti matul is-seduti ta' smiġh tiegħu fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament f'Settembru u f'Novembru 2022;
16. Jinnota li skont l-Artikolu 118(9) tar-Regolament Finanzjarju, ir-rapporti tal-awditjar intern tal-Parlament ma jkunux disponibbli għall-pubbliku hekk kif l-awditur intern ikun iffinalizzahom; jinnota li fil-prattika dawn jiġu ppubblikati biss hekk kif irrakkomandazzjonijiet kollha jkunu ġew implimentati; jiddispaċih li dan jirriżulta f'dewmien *de facto* tal-pubblikazzjoni għal diversi snin; jiddispaċih ukoll għall-fatt li l-Membri jistgħu jaqrawhom biss fil-kamra tal-qari sikura sakemm il-miżuri

⁸ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1).

⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

rrakkomandati ma jkunux ġew implimentati; jistieden lill-Bureau jippermetti li l-Membri jkollhom aċċess sħiħ u immedjat għar-rapporti tal-awditjar intern; jistieden ukoll lill-Bureau jagħmel kull rapport tal-awditjar intern disponibbli għall-pubbliku sena wara l-finalizzazzjoni tiegħu, hekk kif l-awditur intern ikun ivalida l-azzjonijiet meħuda biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tas-sena preċedenti; ifakkar li validazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ma tirrikjedix li r-rakkomandazzjonijiet kollha jiġu kompletament implimentati;

Segwitu mill-amministrazzjoni tal-Parlament u mill-Bureau għar-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza preċedenti

17. Jieħu nota tat-tweġibiet bil-miktub għar-riżoluzzjoni ta' kwittanza għall-2019 mogħtija lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament fis-17 ta' Settembru 2021, u tal-preżentazzjoni tas-Segretarju Ġenerali li fiha indirizza d-diversi mistoqsijiet u talbiet imqajma fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-Parlament għall-2019 u l-iskambju ta' fehmiet mal-Membri li kien hemm wara;
18. Jinnota li ladarba l-Plenarja tappella għal regoli jew miżuri differenti biex jiġu implimentati mill-Parlament, tali regoli jew miżuri proposti jiġu diskussi mill-Bureau, li jivvota wkoll fuqhom, skont l-Artikolu 25 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura u l-Artikoli 6 u 166 tar-Regolament Finanzjarju, kif ukoll mill-amministrazzjoni tal-Parlament; jinnota li l-Bureau nġhata l-mandat mill-Plenarja biex jiddeċiedi dwar il-kwistjonijiet amministrattivi, tal-persunal u organizzattivi kollha li jikkonċernaw lill-Membri; jenfasizza l-importanza tal-proċedura ta' kwittanza u jitlob li d-deċiżjonijiet ta' kwittanza kollha adottati mill-Plenarja jiġu segwiti bir-reqqa;
19. Jitlob lis-Segretarju Ġenerali jressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Bureau, filwaqt li jenfasizza r-rikjesti kollha għal azzjoni jew id-deċiżjonijiet min-naħa tal-Bureau; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jistabbilixxi pjan ta' azzjoni u skeda ta' żmien li jippermettu lill-Bureau jagħti segwitu u/jew jirrispondi għat-talbiet u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza tal-Parlament u jinkludi l-azzjonijiet meħuda u implimentati fid-dokument ta' monitoraġġ annwali; jitlob lis-Segretarju Ġenerali u lill-Viċi President responsabbli għall-baġit jorganizzaw diskussjonijiet regolari mal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni msemmi;
20. Itenni t-talba tiegħu lill-Bureau biex itejjeb it-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu, inkluż billi regolarment jirrapporta lura lill-awtorità ta' kwittanza dwar kull deċiżjoni plenarja li ma implimentax u ġustifikazzjoni dettaljata tar-raġuni għala jkun iddeċieda li ma jimplimentax it-talba; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jagħmel ġabra konkreta ta' proposti lill-Bureau bil-għan li tittejjeb it-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu;
21. Jitlob lill-amministrazzjoni tikkunsidra li tapprova l-minuti tal-Bureau fi proċedura bil-miktub biex jiġi evitat dewmien *de facto* tal-pubblikazzjoni ta' mill-inqas xahar sakemm jerġa' jiltaqa' l-Bureau biex japprova l-minuti, u ladarba jiġu approvati, il-minuti għandhom ikunu disponibbli mingħajr dewmien kemm fuq l-intranet tal-Parlament kif ukoll fuq is-sit tal-internet;
22. Jinnota li l-preżenza tal-uffiċjali tal-Parlament fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni jew f'korpi

oħra għandha l-għan li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet tal-Parlament mal-organizzazzjoni reġjonali; itenni, madankollu, it-tħassib dwar id-deċiżjoni tal-Bureau tal-11 ta' Frar 2019 rigward l-appoġġ parlamentari lill-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-ASEAN f'Jakarta, id-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Unjoni Afrikana f'Addis Ababa u d-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għan-Nazzjonijiet Uniti fi New York; jappella għal analiżi bir-reqqa tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji biex tiġi ġġustifikata kwalunkwe deċiżjoni ġdida, indikaturi li jistgħu jitkejlu biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni annwali, u li l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament jinżamm infurmat;

COVID-19

23. Ifakkar li s-sena 2020 kienet ikkaratterizzata mill-isfidi li gābet magħha l-pandemija tal-COVID-19, liema sfidi rriżultaw f'bidliet fundamentali fil-mod ta' ħidma tal-Parlament; jilqa' l-fatt li mill-bidu nett tal-kriżi tal-pandemija u matulha, il-Parlament ta' spiss ħa deċiżjonijiet bla preċedent bil-għan li jimminimizza r-riskju għall-Membri u għall-membri tal-persunal, filwaqt li jiżgura li l-Parlament jibqa' f'pożizzjoni li jkompli bl-attivitajiet ewlenin tiegħu, filwaqt li jesprimi wkoll solidarjetà Prattika mal-komunitajiet ospitanti;
24. Jilqa' l-fatt li fl-2020, fi Brussell, fil-bini tal-Parlament, twaqqaf ċentru ta' ttestjar għall-COVID-19, u nħolqu wkoll faċilitajiet ta' ttestjar fil-Lussemburgu u fi Strażburgu;
25. Jilqa' l-fatt li l-Parlament seta' jiżgura dan ta' hawn fuq permezz tar-reżiljenza u l-kapaċità organizzattiva tiegħu li japplika metodi ta' ħidma ġodda, b'mod partikolari t-telexoġhol u l-parteċipazzjoni remota;
26. Japprezza l-isforzi notevoli tal-Parlament u tas-servizzi tal-IT tiegħu matul l-2020 biex jipprovdut immedjatament lill-membri, lill-persunal, lill-assistenti parlamentari akkreditati (APAs) u lit-trainees b'apparati elettroniċi biex jaħdmu b'mod remot; jitlob, madankollu, li jkun jaf il-kriterji tax-xiri għall-apparati u liema kunsiderazzjonijiet Prattiċi influwenzaw id-deċiżjoni li jinxtraw l-apparati surface li qed jintużaw bħalissa; jissottolinja bi tħassib l-ammont ta' kwistjonijiet tekniċi bl-apparati fost il-Membri u l-APAs, bħal qtugħ f'daqqa tal-konnessjoni, dokumenti mitlufa, tisħin żejjed, kapaċità tal-batterija qasira, u konnettività fqira matul sejħiet bil-vidjo;
27. Jiddispjaċih dwar is-sitwazzjoni tat-trainees Schuman bi traineeship minn Marzu sa Lulju 2020, li kienu qed jaħdmu permezz tat-telexoġhol mit-tieni ġimgħa tat-traineeship tagħhom; jinnota li l-Kummissjoni u l-Kunsill kienu taw lit-trainees tagħhom l-għażla li jirritornaw f'Ottubru biex jerġgħu jibdew mill-ġdid traineeship sħiħ ta' ħames xhur; jiddispjaċih dwar id-deċiżjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Persunal li lit-trainees Schuman tahom biss dik l-għażla fil-każ li jiddeċiedu jinterrompu l-internship attwali tagħhom; jistieden lid-Direttorat Ġenerali għall-Persunal jiżgura t-trattament ugwali tat-trainees tiegħu f'sitwazzjonijiet simili;
28. Jilqa' l-fatt li l-proċessi diġitalizzati inkludew l-organizzazzjoni ta' laqgħat remoti u sistemi ta' votazzjoni remota fil-kumitati plenarji u parlamentari, u b'hekk ippermettew lill-Parlament ikompli l-ħidma tiegħu, inkluż matul is-sessjonijiet parzjali ta' Strażburgu li ġew sospiżi għall-biċċa l-kbira tal-2020; jinnota li s-sospensjoni tas-sessjonijiet parzjali ta' Strażburgu kkontribwiet għal iffrankar totali ta' EUR 26 260 608 skont is-Segretarjat tal-Parlament filwaqt li naqqset ukoll b'mod sinifikanti l-impronta tal-karbonju tal-

Parlament; jirrikonoxxi n-natura temporanja ta' dawn iċ-ċirkostanzi straordinarji; jistieden lill-President jippermetti l-għażla ta' parteċipazzjoni remota tal-Membri sakemm il-pandemija tal-COVID-19 tilħaq livelli sikuri;

29. Jilqa', f'termini ta' parteċipazzjoni remota, li l-mobilizzazzjoni ta' soluzzjoni multilingwi kumplessa, li normalment tirrikjedi xhur, jekk mhux snin, ġiet implimentata fi ffit ġimgħat; jenfasizza li nħolqot sistema ta' votazzjoni remota f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att Elettorali u tal-Istatut tal-Membri, u li dik is-sistema, li ilha stabbilita minn Marzu 2020, ġiet aġġornata u mtejba b'mod kostanti; ifaħħar il-fatt li minn Marzu sa Ottubru 2020, dik is-sistema ta' votazzjoni ppermettiet li jsiru 143 sessjoni ta' votazzjoni u kważi 10 000 operazzjoni ta' votazzjoni;
30. Jisħaq dwar ir-riskji serji tal-problemi tas-smiġh b'riżultat tal-bidla għal laqgħat remoti għall-interpreti tal-Parlament li jridu jiddependu minn awdjo li ta' spiss ikun ta' kwalità baxxa ħafna minn interventi li jsiru b'mod remot; jissottolinja l-isforzi li saru mill-interpreti f'dak ir-rigward u jistieden lill-Bureau jfakkar lill-parteċipanti biex jużaw tagħmir adegwat għat-taħdit sabiex jimminimizzaw id-disturbi u xi drabi l-kwalità baxxa tal-konnessjoni; ifakkar li fil-passat l-interpreti ġustament irrifjutaw li jinterpretaw jekk il-kwalità tal-awdjo ma kinitx tippermetti l-interpretazzjoni;
31. Jissottolinja li l-interpretazzjoni hija vitali għall-funzjonament tal-kumitati u għall-ħajja parlamentari; jirrikonoxxi li minħabba l-bidliet f'daqqa u ta' tfixkil ikkawżati mill-pandemija u r-restrizzjonijiet sanitarji konsegwenti, l-amministrazzjoni kellha ssib malajr soluzzjonijiet fattibbli biex tipprovdi servizzi ta' interpretazzjoni; jenfasizza li xi sessjonijiet tal-kumitati ma kellhomx il-lingwi kollha meħtieġa, u b'hekk il-parteċipazzjoni ta' xi membri ġiet ikkumplikata u tnaqqsulhom l-għażliet biex jinteraġixxu; jifhem li t-tliet lingwi ta' ħidma huma l-Ingliż, il-Franċiż, u l-Ġermaniż, iżda jenfasizza bil-qawwa li kwalunkwe lingwa mill-24 lingwa uffiċjali għandha tiġi pprovduta fuq talba tal-Membri;
32. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali, fil-kuntest ġenerali tal-pandemija tal-COVID-19, jeżiġi li l-kumpaniji esterni kollha li jipprovdu s-servizzi tagħhom fil-Parlament jiggarrantixxu d-drittijiet tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal tagħhom u jikkonformaw b'mod strett mal-miżuri adottati mill-gvern fil-kuntest tal-pandemija;
33. Jiddispjaċih li l-votazzjoni remota bħalissa mhijiex prevista fl-ambitu tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament sakemm il-President ma tistabilix l-eżistenza ta' ċirkostanzi straordinarji;
34. Jinnota l-fatt li ma hemm l-ebda sistema stabbilita biex tiżgura li l-Membri, li jkunu temporanjament assenti għal raġuni ġustifikata, ikunu jistgħu jkomplu jwettqu d-dmirijiet ewlenin tagħhom; iqis li dan huwa problematiku peress li jista' jkollu impatt negattiv fuq ir-rappreżentanza taċ-ċittadini fil-Parlament; jissottolinja li hemm riskju ta' diskriminazzjoni kontra l-Membri u l-votanti tagħhom meta tali arranġamenti ma jkunux previsti; ifakkar li s-sitwazzjoni għall-membri nazzjonali tal-parlament f'dawn l-istess sitwazzjonijiet tvarja bejn l-Istati Membri; jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali tal-Parlament jipprevedi soluzzjonijiet fattibbli għal perjodu ta' żmien limitat għall-Membri li jkunu assenti għal raġunijiet ġustifikati biex jitkellmu f'dibattiti u jivvutaw billi jirrevedi r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament u l-Liġi Elettorali Ewropea;

ifakkar li l-indennizzi ta' kuljum għadhom marbuta mal-preżenza fiżika fil-postijiet tax-xogħol tal-Parlament;

35. Jilqa' l-isforzi tal-Parlament, u b'mod partikolari l-involviment tal-ex President Sassoli f'din il-kwistjoni, biex ta' kuljum jipprovi ikliet ta' solidarjetà u kenn għal nisa vulnerabbli fit-tliet postijiet tax-xogħol, kif deċiż mill-Bureau; jilqa' wkoll il-fatt li madwar 65 sewwieq ivvolontarjaw biex iwasslu lit-tobba, lill-infermiera u lil persunal mediku ieħor għax-xiftijiet tagħhom ta' billejl fl-isptar fl-ewwel sena tal-pandemija tal-COVID-19;
36. Jilqa' l-fatt li l-Parlament qassam maskri tad-drapp tal-wiċċ li jistgħu jerġgħu jintużaw lill-membri tal-persunal fil-bidu tal-pandemija tal-COVID-19; jinnota li kien meħtieġ li l-maskri mediċi tal-wiċċ EN14683 jew FFP2 jintlibsu minn dawk preżenti fil-binjiet tal-Parlament sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-Membri u tal-persunal kif ukoll biex jitnaqqas aktar ir-rilaxx ta' partikoli respiratorji infettivi;
37. Ifaħħar lis-servizzi tal-Parlament tad-deċiżjoni tagħhom li jkomplu jiffaċilitaw il-konferenzi stampa ibridi wara l-pandemija peress li dan jista' jiffaċilita r-rappurtar dwar l-affarijiet Ewropej għall-ġurnalisti li ma jkunux preżenti fi Strażburgu jew fi Brussell; jirrakkomanda li l-faċilitajiet awdjoviżivi u faċilitajiet oħra fi Brussell, fi Strażburgu u fl-uffiċċji ta' kollegament tal-Parlament Ewropew, jiġu żviluppatti aktar inkluż billi tiżdied il-kapaċità tal-VoxBox u jiġu mmodernizzati s-swali tal-konferenzi stampa fi Strażburgu u fi Brussell biex isiru aktar adatti għall-konferenzi stampa ibridi;

Impronta ambjentali tal-operazzjonijiet tal-Parlament

38. Jisħaq li l-Parlament jeħtieġ li jkun minn ta' quddiem nett fl-adozzjoni ta' metodi ta' ħidma u prattiki ta' laqgħat aktar diġitali, flessibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, billi jitgħallem mill-esperjenzi tal-pandemija tal-COVID-19 u jieħu vantaġġ mill-investimenti teknoloġiċi li diġà ġew implimentati; jinnota li fuq l-inizjattiva tal-ex President Sassoli, gruppi ta' riflessjoni dwar "Rivalutazzjoni tad-Demokrazija Parlamentari - Parlament Ewropew aktar b'saħħtu wara l-COVID-19" iddiskutew il-futur tal-ħidma fi ħdan il-Parlament bejn April u Lulju 2021 fir-rigward ta' kull wieħed mill-oqsma ta' azzjoni tagħhom: il-plenarja, il-prerogattivi parlamentari, il-komunikazzjoni, id-diplomazija esterna u l-organizzazzjoni interna; jinnota li l-gruppi ta' riflessjoni ppreżentaw rapport finali li jinkludi rakkomandazzjonijiet, li l-implimentazzjoni tagħhom se tiġi diskussa mill-Bureau;
39. Jistieden lill-Parlament jevalwa mill-ġdid il-miri tiegħu fil-qafas tal-iskema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) għall-2023 fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19; itenni l-appell tiegħu biex jiġi emendat il-pjan attwali tiegħu għat-tnaqqis ta' CO₂ biex tintlaħaq in-newtralità karbonika bl-użu ta' metodu rikonoxxut internazzjonalment meta jkun ġie vvalidat bħala, pereżempju, mekkaniżmu għall-Ipprezzar Intern tal-Karbonju (ICP) li permezz tiegħu l-kumpaniji volontarjament jipprezzaw l-impronta tal-karbonju tagħhom u b'hekk jagħtu valur lill-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra;
40. Jinnota li tlieta mill-binjiet tal-Parlament fi Brussell (Martens, Campoamor u n-nursery ta' Wayenberg) reċentement ingħataw ċertifikazzjoni ambjentali rikonoxxuta internazzjonalment dwar is-sostenibbiltà, BREEAM Excellence, u dan jikkonferma l-politika u l-azzjonijiet li ilu jwettaq il-Parlament biex gradwalment jittrasforma l-

portafoll tal-binjiet tiegħu f'wieħed eżemplari mil-lat ambjentali; jinnota li bħalissa, fis-sit tal-Parlament ta' Brussell, erba' binjiet biss (kwart tal-għadd totali tal-binjiet - Spinelli, Campoamor, Arendt, Montoyer-Science) huma mgħammra bil-pannelli fotovoltajċi, u li dawn l-installazzjonijiet jirrappreżentaw erja tas-superfiċje kumulattiva ta' inqas minn 2 % tas-superfiċje totali tal-bjut tal-binjiet tal-Parlament fi Brussell; jinnota li tliet installazzjonijiet fotovoltajċi ġodda (100 m² fuq il-binja Montoyer 70, 200 m² fuq il-binja Spinelli u 52 m² ta' sostituzzjoni tal-pannelli solari attwali b'dawk fotovoltajċi fuq il-binja Brandt) se jitlestew sa tmiem l-2022 (u dan jirrappreżenta żieda ta' 64 %, fl-2022, tas-superfiċje totali mgħammra bil-pannelli fotovoltajċi);

41. Jinnota li bħalissa l-ebda binja tal-Parlament fi Strażburgu ma għandha l-pannelli fotovoltajċi fuqha peress li l-enfasi tpoġġiet fuq mezzi aktar effiċjenti biex tiġi ffrankata l-enerġija, jiġifieri bl-installazzjoni ta' pompi tas-sħana ġodda b'effiċjenza għolja; jinnota li l-istudji ta' fattibbiltà li abbażi tagħhom ġie deċiż li ma jiġux installati pannelli solari fuq il-bjut fi Strażburgu jmorru lura għall-2011 u jtenni li l-prezzijiet għall-pannelli solari naqsu b'aktar minn 80 % mill-2010; jistieden lill-Bureau jevalwa l-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi sal-2023, filwaqt li jqis il-fattibbiltà teknika u l-kosteffettività;
42. Jilqa' l-installazzjoni ta' pompi tas-sħana u ta' koġenerazzjoni fil-binjiet fi Strażburgu u fi Brussell biex jiġu prodotti l-elettriku u s-sħana rinnovabbli; jilqa' wkoll li l-binja Adenauer il-ġdida fil-Lussemburgu nbriet bl-użu tal-aktar tekniki ambjentali moderni disponibbli inkluża l-enerġija ġeotermali u solari u l-użu sħiħ tad-dawl tax-xemx; jistieden lill-Parlament ikompli jżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija tiegħu u, b'mod partikolari, il-produzzjoni tal-enerġija, u jelimina b'mod gradwali l-fjuwils fossili mill-aktar fis possibbli; jistieden lill-Parlament jippubblika ċ-ċertifikati tal-enerġija tal-binjiet kollha tal-Parlament;
43. Ifakkar li soluzzjonijiet effiċjenti ta' tidwil huma fattur essenzjali għas-sostenibbiltà tal-binjiet; jilqa' l-fatt li s-sostituzzjoni tat-tidwil eżistenti bi dawl LED b'konsum baxx ta' enerġija tiġi evalwata kull meta jkun possibbli u fattibbli fil-binjiet tal-Parlament; jiddispjaċih li mhux l-uffiċċji kollha fit-tliet postijiet tax-xogħol tal-Parlament huma mgħammra b'detetturi tal-moviment u li jidher li d-detetturi tal-moviment f'diversi uffiċċji fil-binja Spinelli ma jaħdmux; jistieden lill-Parlament jiżgura li jiġu installati detetturi tal-moviment li jiffunzjonaw bis-sħiħ kull fejn ikun fattibbli biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija;
44. Jilqa' l-fatt li l-estensjoni tan-nursery Wayenberg fi Brussell, li tlestiet f'Settembru 2020, hija l-ewwel binja passiva tal-Parlament; jistieden lill-Bureau jibda fl-2022 studji tekniċi biex jidentifika possibbiltajiet addizzjonali biex il-konsum tal-enerġija jitnaqqas aktar u tiżdied il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u jimplimentahom malajr kemm jista' jkun;
45. Ifakkar li kważi żewġ terzi tal-impronta tal-karbonju tal-Parlament toriġina mit-trasport tal-persuni; jappella għal riflessjoni fuq l-espansjoni tat-telexogħol volontarju għal aktarjiem u funzjonijiet, kull meta jkun rilevanti u sakemm ma jfixkilx il-ħidma parlamentari; filwaqt li jżomm f'moħħu l-importanza tal-preżenza fiżika, ifakkar li l-Parlament introduċa gruppi ta' ħidma dwar il-ħidma futura tal-Parlament; jistieden lill-Parlament iqis il-konklużjonijiet tal-gruppi ta' riflessjoni; jitlob li tingħata prijorità lill-modi tat-trasport b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-missjonijiet, fejn xieraq;

46. Jilqa' l-bidla gradwali għal vetturi b'emissjonijiet żero fil-flotta tal-karozzi tas-servizz tal-Parlament; jappella biex il-flotta tas-servizz tkun kompletament elettrika sa mhux aktar tard mill-2024;
47. Jitlob żieda xierqa fl-għadd ta' ċarġers tal-vetturi elettriċi allinjata mad-domanda preżenti u dik fil-futur qrib; jappella għal spazji addizzjonali għall-parkeġġ tar-roti; jappella għall-ħolqien ta' spazji adegwati għall-parkeġġ tar-roti cargo biex jiġi żgurat li l-ispazji għall-parkeġġ tar-roti regolari jkunu aċċessibbli għal sewwieqa tar-roti regolari;
48. Jinnota li l-ħela tal-ikel tal-Parlament ammontat għal 0,055 - 0,068 kg għal kull ikla servuta bejn l-2018 u l-2020; jilqa' l-isforzi tal-Parlament biex inaqqas il-ħela tal-ikel billi jiġbor u jwassal l-ikel li jifdal lill-organizzazzjonijiet "tal-ewwel linja" li jwasslu lin-nies fil-bżonn; jistieden lill-Parlament ikompli jesplora modi kif titnaqqas aktar il-ħela tal-ikel;
49. Jilqa' l-introduzzjoni ta' għażla usa' u aktar sostenibbli ta' ikel, inkluż l-introduzzjoni ta' varjetà akbar ta' prodotti veġetarjani u vegani, fil-canteens tal-Parlament; jissuġġerixxi żieda fil-varjetà ta' ikliet veġetarjani u vegani servuti fil-canteens tal-Parlament; jitlob ukoll li jkun hemm mill-inqas għażla waħda ta' ikla friska mingħajr glutina kuljum u li l-informazzjoni dwar l-allerġeni u dik nutrizzjonali jintwerew b'mod viżibbli fuq il-kards tal-ikel ħdejn il-bankijiet;
50. Ifakkar li skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Protokoll Nru 6 anness mat-Trattati, il-Parlament għandu jkollu s-sede tiegħu fi Strażburgu, fejn għandhom isiru t-12-il perjodu ta' sessjonijiet plenarji ta' kull xahar, inkluża s-sessjoni baġitarja; ifakkar fl-appoġġ mill-maġġoranza vasta tal-Parlament favur sede unika li tiżgura l-infiq effiċjenti tal-flus tal-kontribwenti tal-Unjoni u biex il-Parlament jassumi r-responsabbiltà istituzzjonali tiegħu li jnaqqas l-impronta tal-karbonju tiegħu; jinnota li bidliet permanenti jkunu jeħtieġu bidla fit-Trattat; ifakkar li l-plenarja tal-Parlament diġà talbet dibattitu dwar id-dritt tagħha li tiddetermina l-arranġamenti ta' ħidma tagħha stess u impenjat ruħha li tibda proċedura ordinarja ta' reviżjoni tat-Trattat skont l-Artikolu 48 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea bil-għan li tipproponi bidliet meħtieġa għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Protokoll 6 biex tkun tista' tiddeċiedi dwar il-post tas-sede tagħha u l-organizzazzjoni interna tagħha¹⁰;
51. Itenni l-istedina tiegħu lill-Parlament biex jintroduċi sistema ta' prenotazzjoni online faċli għall-utent għall-użu tas-servizzi tal-karozzi tal-Parlament għall-ivvjaġġar lejn Strażburgu u li din għandha tkun operattiva hekk kif jerġġu jibdeu is-sessjonijiet regolari fi Strażburgu; jistieden ukoll lill-Parlament jespandi l-grupp ta' utenti biex jinkludi wkoll membri tal-persunal, persunal tal-gruppi u APAs mingħajr ir-rekwiżit li l-Membri jakkumpanjawhom;

Trasparenza u etika

52. Jilqa' l-fatt li l-istandards etiċi u ta' trasparenza applikabbli għall-Parlament huma f'ħafna aspetti aktar avvanzati minn dawk applikabbli fl-ekwivalenti tal-Istati Membri; iqis li l-Parlament għandu jagħmel ħiltu biex imexxi bl-eżempju fir-rigward tal-istabbiliment ta'

¹⁰ Ir-Rapport A7-0350/2013 disponibbli fuq https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-7-2013-0350_MT.pdf

standards ta' etika u ta' trasparenza madwar l-Ewropa kollha; jappoġġa t-tiżni tar-regoli tal-etika eżistenti billi l-Membri jingħataw gwida u appoġġ;

53. Jinnota b'sodisfazzjon li, sa mill-bidu tad-disa' leġislatura, l-infrastruttura meħtieġa biex il-Membri jkunu jistgħu jipubblicizzaw il-laqgħat skedati ma' rappreżentanti ta' grupp ta' interess kienet disponibbli fuq is-sit web tal-Parlament bil-għan li tittejjeb it-trasparenza; jistieden lis-servizzi tal-Parlament jespandu l-infrastruttura biex jippermettu lill-APAs u lill-konsulenti tal-politika jipubblikaw b'mod volontarju l-laqgħat tagħhom ma' rappreżentanti ta' grupp ta' interess; ifakkar li l-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura jobbliga lir-rapporteurs, lix-shadows u lill-presidenti tal-kumitati jipubblikaw il-laqgħat tagħhom mar-rappreżentanti ta' grupp ta' interess; jinnota bi tħassib li mit-30 ta' April 2021, 380 Membru biss mis-705 Membru attwali kienu ppubblikaw mill-inqas laqgħa waħda ma' rappreżentant ta' grupp ta' interess fuq is-sit web tal-Parlament; jinnota wkoll li 10 presidenti mill-24 president tal-kumitati ma ppubblikaw l-ebda laqgħa jew ippubblikaw laqgħa waħda biss ma' rappreżentant ta' grupp ta' interess sa mill-bidu tad-disa' leġislatura; ifakkar li l-informazzjoni, l-avviżi ta' tfakkira u l-emails dwar l-obbligu li jiġu ppubblikati l-laqgħat għandhom jintbagħtu lill-Membri kollha f'intervalli aktar regolari;
54. Ifakkar fit-tweġiba bil-miktub tal-President bid-data ta' April 2020 għall-ittra konġunta mingħand l-Intergrupp tal-Parlament Kontra l-Korruzzjoni, li, b'mod partikolari, qabel li jimplementa għadd ta' bidliet fl-għodda għall-pubblikazzjoni tal-laqgħat tal-Membri ma' rappreżentanti ta' grupp ta' interess biex tittejjeb il-faċilità tal-użu tagħha, l-ewwel u qabel kolloxx billi tiġi kkollegata mar-reġistru tat-trasparenza u mal-osservatorju leġislattiv; jiddispjaċih li dan it-titjib Prattiku għadu ma ġiex implimentat; jitlob lill-amministrazzjoni tal-Parlament tistabbilixxi b'mod effettiv dan il-kollegament hekk kif ikun fattibbli mingħajr ostakli Prattiċi bla bżonn;
55. Jilqa' l-fatt li, b'effett minn Lulju 2021, il-ftehim interistituzzjonali tal-2011 dwar reġistru komuni tat-trasparenza ġie sostitwit bi ftehim tripartitiku ġdid, li fih jipparteċipa l-Kunsill; jinnota li l-kwalità tal-entrati rigward l-attivitajiet tar-rappreżentanti ta' grupp ta' interess fir-reġistru tat-trasparenza ttejjbet matul dawn l-aħħar snin u jfaħħar, minkejja r-riżorsi limitati, ir-rwol tas-segretarjat konġunt f'dak it-titjib; jiddispjaċih, madankollu, li l-kwalità ġenerali tal-entrati għadha mhijiex sodisfaċenti, meta jitqies li l-verifika tas-Segretarjat ta' madwar 40 % tal-entrati matul l-2020 sabet li 43 % biss tal-entrati vverifikati pprovdew kwalità tad-data sodisfaċenti, ċifra li tixbah dik tal-2019; jilqa' l-allokkazzjoni addizzjonali ta' postijiet ekwivalenti full-time (FTE) ta' 1,5 għas-Segretarjat; iħeġġeġ lis-Segretarjat juża din l-allokkazzjoni biex ikompli jnaqqas l-għadd ta' reġistrazzjonijiet b'data subottimali;
56. Jiddeplora l-fatt li l-Membri qed jipparteċipaw f'missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali mhux uffiċjali, kif ukoll in-nefqa mġarrba fuq dawn il-missjonijiet, u jemmen li tali missjonijiet jipperikolaw ir-reputazzjoni tal-Parlament; jinnota li tmien każijiet bħal dawn fl-2020 kienu b'rabta mal-Krimea u l-Venezwela; jistieden lill-Bureau u lill-grupp ta' appoġġ għad-demokrazija u għall-koordinazzjoni elettorali jestendu t-tul ta' żmien, li fih il-Membri kkonċernati ma jitħallewx iwettqu missjonijiet uffiċjali ta' osservazzjoni elettorali, minn sena sal-mandat kollu, meta dan mhuwiex diġà l-każ;
57. Jistieden lill-Parlament jipubblika lista tal-gruppi ta' ħbiberija kollha fil-Parlament fuq

is-sit web tiegħu;

58. Itenni li l-Artikolu 4 tal-Kodiċi ta' Kondotta jipprevedi, fir-rigward tal-interessi finanzjarji u l-kunflitti ta' interess, li d-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Membri għandhom jiġu pprovduti b'mod preċiż; itenni l-istedina tiegħu lill-Bureau biex jirrieżamina l-format tad-dikjarazzjonijiet biex dawn ikunu jirrikjedu aktar dettall u għaldaqstant ċarezza; jitlob lill-President jagħti istruzzjonijiet lis-servizzi biex iwettqu b'mod sistematiku verifika bir-reqqa tad-dikjarazzjonijiet biex jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta fihom tkun dettaljata biżżejjed biex tippermetti valutazzjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali;
59. Ifakkar li skont l-Artikolu 5 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura b'rabta mal-Miżuri ta' Implimentazzjoni għall-Kodiċi ta' Kondotta, il-Membri għandhom joqgħodu lura milli jaċċettaw, fil-qadi ta' dmirjiethom, kwalunkwe rigal jew benefiċċju simili, għajr dawk b'valur approssimattiv ta' inqas minn EUR 150, u li kwalunkwe rigal ippreżentat lill-Membri meta jkunu qed jirrappreżentaw lill-Parlament f'kapaċità uffiċjali għandu jingħadda lill-President; jinnota li l-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri għandha tfakkar ta' spiss lill-Membri dwar l-obbligu li jinnotifikaw lill-President dwar rigali li jirċievu f'kapaċità uffiċjali; jistieden lill-Bureau jintroduċi formola standard li trid timtela fi tmiem iż-żjarat ta' delegazzjoni mill-Membri parteċipanti kollha, li fiha jiddikjaraw jekk irċevew xi rigali personali jew għad-delegazzjoni u l-valur tagħhom;
60. Jinsab imħasseb li mill-459 Membru tat-tmien leġislatura li ma ġewx eletti mill-ġdid fl-2019, il-Parlament irċieva biss notifika waħda dwar l-impjieg ta' wara l-mandat skont l-Artikolu 6 tal-Kodiċi ta' Kondotta; jirimarka li n-notifiki jistgħu jgħinu fil-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess, filwaqt li jipprevjenu wkoll lill-ex Membri li jinvolvu ruħhom f'lobbying professjonali jew f'attivitajiet ta' rappreżentanza marbuta direttament mal-proċess deċiżjonali tal-Unjoni milli jibbenefikaw minn faċilitajiet mogħtija lill-ex Membri; jistieden għalhekk lill-Parlament itejjeb l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta, u f'dan ir-rigward jiġbed l-attenzjoni wkoll għar-riżoluzzjoni dwar il-kwittanza tal-Parlament Ewropew għall-2019, li fiha l-awtorità ta' kwittanza tappella għal valutazzjoni indipendenti dwar jekk l-attivitajiet ta' wara l-mandat tal-Membri joħolqux kunflitti ta' interess jew le; jistieden għal darb'oħra lis-servizzi tal-Parlament biex iwettqu tali valutazzjoni;
61. Jilqa' l-proġett li għadu għaddej tas-servizzi tal-Parlament biex ir-rekords tal-votazzjoni tal-plenarja jsiru disponibbli fi spazju apposta fejn l-utenti jkollhom aċċess għal dokumenti ċari u faċli biex jinqraw, u jinnota t-tqassim il-ġdid għall-votazzjonijiet b'sejħa tal-ismijiet li fihom se jiġi ppubblikat ir-rekord tal-votazzjoni individwali ta' kull Membru, li jagħti l-għażla li tiġi viżwalizzata d-distribuzzjoni tal-voti skont, fost l-oħrajn, l-affiljazzjoni u/jew in-nazzjonalità tal-grupp politiku; jesprimi dispjaċir li għadu mhux teknikament possibbli għas-servizzi tal-Parlament li jippermettu l-wiri tat-test ta' kull emenda flimkien mar-rekord tal-votazzjoni kif jiġi offrut minn diversi fornituri privati; jistieden lis-servizzi tal-Parlament jagħmlu disponibbli l-emendi u r-rekords tal-votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet kollha; jistieden ukoll lis-servizzi jestendu l-informazzjoni disponibbli biex tinkludi skedi ta' żmien u listi tal-votazzjoni aġġornati, inklużi l-kompromessi finali maqbula mir-rapporteur u x-shadows, skont ir-rakkomandazzjonijiet mill-grupp ta' riflessjoni dwar it-tisħiħ tal-prerogattivi parlamentari; jitlob ukoll lis-servizzi tal-Parlament jipprevedu l-possibbiltà li l-Membri jittestjaw verżjoni beta tal-

għodda l-ġdida u jipprovdu feedback li għandu jitqies matul l-iżvilupp tal-għodda;

62. Jieħu nota ta' 18-il investigazzjoni mwettqa mis-servizzi tal-Parlament fl-2020 ta' użu ħażin tal-indennizzi li fihom kienu involuti l-uffiċċji ta' 12-il Membru (meta mqabbla ma' sitt Membri preċedentement), b'ammonti totali friskju li jammontaw għal EUR 1 318 000 (meta mqabbla ma' EUR 560 000 fl-2019); ifaħħar lis-servizzi tal-Parlament għall-investigazzjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward, filwaqt li jindika wkoll il-ħtieġa li jitkompla l-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-għadd u t-tipi ta' każijiet involuti;
63. Jieħu nota tal-fatt li għal darb'oħra ma kien hemm l-ebda każ ta' żvelar ta' informazzjoni protetta rreġistrat mill-Parlament fl-2020; ifakkar li l-aktar każijiet reċenti ta' żvelar ta' informazzjoni protetta jmorru lura għall-2016 u li kull wieħed mit-tliet APAs ikkonċernati sussegwentement tkeċċa; ifakkar li, fost l-oħrajn, l-APAs huma f'pożizzjoni vulnerabbli minħabba l-kuntratt ta' impjeg speċjali tagħhom; itenni l-istedina tiegħu lill-Parlament biex jadatta bis-sħiħ ir-regoli interni tiegħu stess fir-Regolamenti tal-Persunal għad-Direttiva (UE) 2019/1937¹¹, inkluż billi jistabbilixxi kanali sikuri għar-rappurtar; jinnota wkoll li l-informaturi jistħoqqilhom protezzjoni xierqa, simili għal dik li tingħata lill-vittmi ta' fastidju; jitlob lill-Parlament joħloq sensibilizzazzjoni, fejn possibbli, fost il-persunal parlamentari dwar il-protezzjonijiet tagħhom bħala informaturi;
64. Jinnota bi tħassib ir-regoli u l-obbligi mhux ċari rigward il-perjodi ta' żamma tad-dokumenti għall-Membri, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-informazzjoni personali u finanzjarja kif ukoll l-informazzjoni dwar il-persunal; jistieden lill-Bureau jistabbilixxi regoli ċari, komprensibbli u vinkolanti li jqisu kif xieraq l-għadd ta' dokumenti li għandhom jinħażnu u l-metodu kif jinżammu; jenfasizza bil-qawwa li r-regoli jridu jkunu proporzjonati, ma jżidux il-burokrazija, u adegwati mil-lat ta' spejjeż; jinnota li l-attivitajiet tal-arkivji għandhom jiġu ffinanzjati taħt l-ispejjeż tal-allowances għan-nefqa ġenerali;
65. Jenfasizza li d-deċiżjoni tal-Bureau tal-2018 dwar l-allowance għan-nefqa ġenerali tistipula li l-Bureau se jżomm din id-deċiżjoni sal-aħħar tal-2022 u se jevalwaha abbażi tal-esperjenza miksuba matul id-disa' leġislatura;

Persunal, assistenti parlamentari akkreditati u assistenti lokali

66. Jilqa' l-fatt li l-Bureau, fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Lulju 2021, approva emenda għall-Artikolu 40 tad-deċiżjoni tiegħu tal-14 ta' April 2014 dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri għat-Titolu VII tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea biex l-APAs ikunu jistgħu, fuq talba tagħhom, jitħallsu feuro fi kwalunkwe bank fl-Unjoni Ewropea;
67. Ifakkar li r-regoli attwali dwar it-terminazzjoni ta' kuntratt għall-APAs ma jipprevedux il-possibbiltà ta' terminazzjoni permezz ta' "kunsens reċiproku", li jkun mod kif tiġi rikonoxxuta r-relazzjoni politika speċjali bejn il-Membri u l-APAs, fejn iż-żewġ partijiet jistgħu jirrikonoxxu li l-fiduċja reċiproka ma għadhiex teżisti, u jkunu jistgħu jibbenefikaw minn soluzzjoni komuni mingħajr ma jiġu kompromessi d-drittijiet soċjali tal-APAs; jiddisputa li din it-talba ġiet inkluża f'diversi riżoluzzjonijiet ta' kwittanza

¹¹ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

tal-Parlament mingħajr ma rċeviet tweġiba sodisfaċenti, u jistenna li tittieħed azzjoni malajr kemm jista' jkun;

68. Itenni t-talba tiegħu biex l-APAs jirċievu l-istess indennizz ta' sussistenza bħall-persunal statutorju għall-missjonijiet tagħhom biex jattendu s-sessjonijiet parzjali fi Strażburgu; jirrikonoxxi li kwalunkwe bidla fil-qafas legali, jiġifieri d-deċiżjoni tal-Bureau tat-2 ta' Ottubru 2017, tkun tirrikjedi reviżjoni tar-regoli applikabbli u għalhekk, jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali biex iressaq din it-talba għal deċiżjoni lill-Bureau;
69. Jirrifjuta l-ħatra obligatorja ta' APAs bħala rappreżentanti biex jittrattaw mal-awtoritajiet Belġjani għall-ipproċessar tal-permess tar-residenza ta' trainees minn pajjiżi terzi fl-uffiċċji tal-Membri; jitlob reviżjoni immedjata tar-regoli applikabbli sabiex l-amministrazzjoni tiegħu din il-funzjoni f'idejha;
70. Jenfasizza li, minn nofs Marzu 2020, l-amministrazzjoni tal-Parlament għaddiet minn skema ta' telexogħol okkażjonali għal skema ta' telexogħol bejn 70 % u 100 %, skont il-miżura tal-lockdown fis-seħħ u l-ħtieġa tal-preżenza fiżika;
71. Jieħu nota tal-isforzi kemm tal-Parlament kif ukoll tal-Kummissjoni biex jiżguraw li l-ex APAs mid-delegazzjonijiet Brittaniċi jkunu jistgħu jittrasferixxu d-drittijiet tal-pensjoni akkwiziżi għal fondi tal-pensjoni fir-Renju Unit; jistieden lill-Parlament jiżgura li tinstab soluzzjoni;
72. Jistieden lill-Bureau jistabilixxi sistema li tippermetti lill-APAs jieħdu liv bla ħlas skont regoli simili għal dawk applikati għall-persunal temporanju jew kuntrattwali, li jistgħu jieħdu sa tmax-il xahar liv bla ħlas matul il-karriera tagħhom;
73. Jinnota li, f'Ġunju u f'Novembru 2020, il-Parlament wettaq żewġ sħarriġiet mal-istituzzjonijiet kollha fost il-membri tal-persunal tiegħu dwar l-użu futur tat-telexogħol; jirrikonoxxi li r-riżultati taż-żewġ sħarriġiet urew livell għoli ta' sodisfazzjon tal-persunal bit-telexogħol u li l-membri tal-persunal iħaddnu użu usa' tat-telexogħol fil-perjodu ta' wara l-pandemija; jitlob li sakemm ir-riskji ta' infezzjoni bil-COVID-19 jibqgħu raġonevolment għoljin anke għal individwi mlaqqmin, il-membri tal-persunal li jappartjenu għal gruppi b'riskju għoli għandhom, malli jipprovdu prova tal-kundizzjoni tagħhom, iżommu l-possibbiltà tat-telexogħol full-time;
74. Ifaħħar l-introduzzjoni mill-Parlament ta' firxa ta' miżuri biex jiġi appoġġat il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-persunal matul it-telexogħol ta' kontinwità tal-operat, speċjalment għal dawk b'ċirkostanzi personali aktar diffiċli; jinnota li l-miżuri kienu jinkludu flessibbiltà (f'termini ta' ħin tax-xogħol u ta' output) għall-membri tal-persunal b'sitwazzjonijiet familjari eżiġenti, il-possibbiltà li jaħdmu part-time barra mill-post tal-impjieg għall-membri tal-persunal li kellhom bżonn jieħdu ħsieb qraba diretti, li l-persuni li jindukraw it-tfal b'diżabilità jitħallew jaħdmu nofs il-ħin mingħajr telf ta' introjtu korrispondenti matul il-perjodu meta l-iskejjel u l-faċilitajiet għat-tfal b'diżabilità ngħalqu, u deroga temporanja mir-Regolamenti tal-Persunal li tippermetti 100 % telexogħol mill-pajjiż ta' oriġini minn membri tal-persunal vulnerabbli; jistieden lill-Parlament jiżgura li l-proċedura ta' applikazzjoni għal skemi speċjali bħal dawn tiġi kkomunikata sew u b'mod ċar u biex jiġi evitat dewmien fl-għoti tal-iskemi;
75. Jilqa' l-possibbiltà offruta bid-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-31 ta' Marzu 2021 li

l-persunal ikun jista' jaħdem barra mill-post tal-impjeg; jiddispjaċih, madankollu, li dan kien possibbli biss fuq bażi part-time bi tnaqqis korrispondenti tas-salarju; jiddispjaċih li tali deċiżjoni ġiegħlet lill-persunal u lill-APAs barra mill-Belġju jagħżlu bejn telf ta' qligħ jew ritorn lejn il-postijiet tax-xogħol tal-Parlament, fi żmien meta l-ivvjaġġar kien skoraġġut ħafna; jinnota b'sodisfazzjon li l-Bureau, fis-17 ta' April 2021, irrikonoxxa n-natura dgħajfa ta' din id-deċiżjoni u stabbilixxa serje ta' kriterji li skonthom l-APAs setgħu jwettqu telexogħol full time (inklużi kundizzjonijiet mediċi, restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u għeluq tal-fruntieri); jinnota bi tħassib kbir li l-obbligu tat-telexogħol mill-post tal-impjeg matul perjodi ta' lockdown kważi totali żied is-sensazzjoni ta' iżolament u intensifika l-problemi ta' saħħa mentali fost il-membri tal-persunal; jistieden lill-amministrazzjoni biex fil-futur tneħħi l-obbligu għall-kategoriji kollha tal-persunal, inklużi t-trainees, għat-telexogħol mill-post tal-impjeg tagħhom f'tali perjodi eċċezzjonali u limitati fiż-żmien bħall-perjodi ta' lockdowns kważi totali stabbiliti matul partijiet tal-2020;

76. Jinnota li l-ħolqien tal-possibbiltà permanenti għall-membri tal-persunal biex iwettqu telexogħol minn kwalunkwe post, f'kundizzjonijiet li għandhom jiġu speċifikati, jinvolvi għadd kbir ta' vantaġġi kemm għall-membri tal-persunal kif ukoll għall-istituzzjonijiet, inkluż it-titjib tal-benesseri tal-persunal u ż-żieda fl-attraenza tal-Parlament bħala impjegatur, iffrankar finanzjarju permezz ta', fost l-oħrajn, ħtieġa mnaqqsa ta' spazju għall-uffiċċji, impatt ambjentali mnaqqas mill-ivvjaġġar tal-persunal lejn ix-xogħol u lura u rabta aktar mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u ċ-ċittadini fi Stati Membri apparti l-Belġju, Franza u l-Lussemburgu; jistieden lill-Parlament jidhul f'diskussjoni interistituzzjonali bil-għan li tiġi rieżaminata d-deċiżjoni li tobbliga lill-persunal li jwettaq telexogħol esklużivament mill-post tal-impjeg tiegħu f'ċirkostanzi eċċezzjonali, pereżempju bil-kundizzjoni li temporanjament jirrinunzja għall-allowance ta' espatrijazzjoni tiegħu;
77. Ifaħħar, fil-livell tas-Segretarjat Ġenerali, l-appoġġ tal-Parlament lill-membri tal-persunal permezz tat-tisħiħ tar-riżorsi eżistenti u l-istabbiliment ta' miżuri ġodda, bħal żewġ linji telefoniċi għall-għajnuna, konsultazzjonijiet psikoloġiċi u sessjonijiet ta' gruppi, assistenza soċjali, konsulenza kunfidenzjali, u network ta' persuni li jagħtu l-ewwel għajnuna dwar is-saħħa mentali; jilqa' l-fatt li sett divers ta' inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni u ta' riżorsi ta' appoġġ psikosoċjali ġew offruti lill-persunal, inklużi lezzjonijiet online bla ħlas dwar il-mindfulness għall-persunal kollu minn Ottubru 2020;
78. Jinnota li żewġ direttorati ġenerali stabbilew politiki speċifiċi li jfasslu d-dritt għall-iskonnessjoni filwaqt li ħamsa oħra qajmu sensibilizzazzjoni fost il-maniġers dwar id-dritt għall-iskonnessjoni; jistieden lill-Parlament jadotta linji gwida dwar id-dritt ta' skonnessjoni filwaqt li jinkludi kull kategorija ta' persunal għal kull direttorat ġenerali u jiżgura li d-direttorati ġenerali kollha jstabbilixxu tali linji gwida;
79. Jilqa' l-kisbiet li saru s'issa bħala riżultat tal-politika tal-Parlament dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, biex tintlaħaq il-parità bejn il-ġeneri fil-livell tad-diretturi, u 41.9 % tal-kKapijiet ta' unità issa huma nisa; jinnota li għad hemm lok sinifikanti għal titjib fil-livell tad-diretturi ġenerali, fejn bħalissa 23.1 % biss minn dawn il-karigi huma okkupati minn nisa; jilqa' l-fatt li l-Bureau, fit-13 ta' Jannar 2020, approva miri ġodda u aktar ambizzjużi għall-bilanċ bejn il-ġeneri f'karigi ta'

management superjuri u intermedju fis-segretarjat tal-Parlament li għandhom jintlaħqu sal-2024: 50 % tal-kapijiet ta' unità u tad-diretturi iridu jkunu nisa, u 40 % tad-diretturi ġenerali; itenni li huwa essenzjali li r-rappreżentanti tal-persunal jinstemgħu meta l-Bureau jiddiskuti kwistjonijiet ġenerali li jaffettwaw il-politika tal-persunal tiegħu, u jtenni t-talba tiegħu lis-Segretarju Ġenerali biex dan jieħu l-miżuri xierqa biex jimplimenta dan l-approċċ ewlieni; itenni t-talba tiegħu lis-Segretarju Ġenerali biex jieħu passi ulterjuri biex jiżgura t-trasparenza u l-ġustizzja matul il-proċeduri tal-ħatra tal-management superjuri, b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Lulju 2021 fil-kawża T-670/19, *Carbajo Ferrero v Il-Parlament Ewropew*¹²; jinnota l-limitazzjonijiet permezz tal-Artikolu 3, ir-raba' paragrafu, tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal rigward il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-persunal fil-bordijiet tal-għażla tal-management superjuri; jitlob, barra minn hekk, biex tiġi żgurata l-konsistenza fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet esterni għal karigi ta' maniġment superjuri u d-diliġenza fil-pubblikazzjoni ta' dawn il-karigi kif u meta jitbattlu;

80. Itenni t-talba tiegħu lis-Segretarju Ġenerali biex jinsisti dwar l-importanza li kull reklutaġġ ikun ibbażat fuq il-kompetenza, filwaqt li jirrispetta l-ħtieġa ta' bilanċ ġeografiku bejn l-Istati Membri kollha fil-livelli kollha tal-persunal; jinsab imħasseb dwar id-diffikultajiet li nqalgħu biex jiġu rreklutati ċerti nazzjonalitajiet u biex jitressqu ċerti profili ta' xogħol internament; jitlob aktar sforzi biex jiġi żgurat li l-impjeg fil-Parlament ikun attraenti ndaqs għan-nazzjonalitajiet kollha tal-Unjoni; jistieden lill-Parlament jibni l-ħila tiegħu li jilħaq in-nies, bl-għan li jiġbed lejn il-kompetizzjonijiet il-kandidati ta' kwalità meħtieġa mill-Parlament, f'termini ta' profil, età, ġeneru u nazzjonalità, u b'mod partikolari minn pajjiżi sottorappreżentati;
81. Jipproponi li, f'konformità mal-fatt li l-promozzjoni tal-opportunitajiet indaqs tibqa' komponent ewlieni tal-politika ta' ġestjoni tar-riżorsi umani tal-Parlament, tingħata attenzjoni akbar lill-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, b'mod partikolari ż-żieda fl-għadd ta' persuni b'diżabbiltà li jaħdmu fl-amministrazzjoni tal-Parlament; jikkonstata li, fi ħdan il-Bureau, diġà jeżisti grupp ta' livell għoli dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diversità u jitlob li jwettaq studju tal-miżuri effettivi meħuda fl-Istati Membri u fil-livell internazzjonali biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fuq il-post tax-xogħol, inklużi miżuri leġiżlattivi; jitlob li l-grupp ta' livell għoli jirrapporta lura lill-Bureau b'suġġerimenti konkreti ladarba jsir l-istudju u jiġu analizzati r-riżultati; jitlob l-istabbiliment b'urġenza ta' oġġettivi ambizzjużi u li dawn jinkisbu fuq perjodu ta' żmien qasir;
82. Jinnota bi tħassib kbir li fl-2020 infetħu 17-il każ ġdid ta' fastidju; jišhaq li għad iridu jsiru sforzi biex jiġi żgurat li ż-żewġ kumitati konsultattivi li jittrattaw l-ilmenti ta' fastidju li jikkonċernaw lill-Membri u l-membri kollha tal-persunal jiksbu aktar fiduċja mill-vittmi tal-fastidju, li jista' jkollhom il-biża' li l-karriera jew il-pożizzjoni tagħhom fil-Parlament tkun f'riskju jekk jgħaddu mill-proċedura kollha ta' fastidju, jiġbru l-evidenza u jibnu l-każ tagħhom; iħeġġeġ lill-Bureau u lis-Segretarjat jimplimentaw l-azzjonijiet kif mitlub ripetutament fir-risoluzzjonijiet dwar il-fastidju tas-

¹² Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Lulju 2021, T-670/19, *Fernando Carbajo Ferrero v Il-Parlament Ewropew*, ECLI:EU:T:2021:435.

26 ta' Ottubru 2017 (217/2897 (RSP))¹³, tat-28 ta' Novembru 2019 (2019/2855 (RSP))¹⁴ u tal-10 ta' Diċembru 2021 (2021/2986 (RSP))¹⁵, inkluż, b'mod partikolari, il-pubblikazzjoni tar-riżultati ta' awditu estern dwar l-istruttura attwali kontra l-fastidju fis-seħħ u li t-taħriġ kontra l-fastidju jsir obligatorju għall-Membri u l-membri kollha tal-persunal, inklużi persuni fi rwoli manigġerjali fid-direttorati ġenerali u l-gruppi politiċi differenti;

83. Jistieden ukoll lill-Parlament jiżgura li l-proċeduri ta' rimborż għat-trattament psikoloġiku għal kwalunkwe vittma ta' fastidju ma jkunux wisq burokratiċi u jiġu pproċessati malajr;
84. Jistieden lill-Parlament jiżgura li l-pjanijiet ta' ħidma għall-membri tal-persunal f'xogħol bix-xift, inkluż b'mod partikolari l-membri tal-persunal fid-Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà, jiġu kkomunikati sew bil-quddiem u jiġu evitati modifiki fi żmien qasir kull meta jkun possibbli;
85. Jilqa' t-tlestija tal-binja l-ġdida tal-faċilità għall-indukrar tat-tfal Wayenberg; jiddispjaċih dwar il-bidliet suċċessivi u l-għeluq imtawwal tas-sezzjonijiet minħabba l-protokoll intern tal-COVID-19 li ġew ikkomunikati b'avviż minimu u mingħajr ħin biex wieħed jirreaġixxi; jitlob rieżami tal-protokoll tas-saħħa tal-COVID-19 biex dawn isiru konformi mal-protokoll nazzjonali u biex jiġi żgurat li dan is-servizz importanti jkompli jiġi pprovdut fil-limitu tal-possibbli; jistieden lid-Direttorat Ġenerali għall-Persunal (DG PERS) jiżgura li l-bidliet fl-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol tal-faċilità għall-indukrar tat-tfal jiġu introdotti u kkomunikati lill-ġenituri fi żmien xieraq biex ikunu jistgħu jwettqu l-obbligi tax-xogħol tagħhom b'interruzzjonijiet minimi; itenni t-talba tiegħu lid-DG PERS biex iwettaq sħarriġ dwar is-sodisfazzjon kemm fost l-impjegati tal-faċilità għall-indukrar tat-tfal kif ukoll fost il-ġenituri tat-tfal biex jikseb feedback rilevanti dwar il-fornitur b'mod regolari; jieħu nota tas-sejħa l-ġdida għall-offerti fir-rigward tal-ġestjoni futura tal-Faċilità għall-Indukrar tat-Tfal Wayenberg qabel is-sajf tal-2022; jistieden lil DG PERS isegwi mill-qrib il-kwalità tas-servizzi tal-fornitur attwali, sabiex dawn jibqgħu fl-istess livell sad-data ta' skadenza tal-kuntratt tagħhom u jagħmel l-istess fir-rigward tas-servizzi tal-fornitur il-ġdid, li jżomm il-ħaddiema eżistenti u jevita d-detriment għat-tfal li jista' jikkawża l-bdil tal-persunal; jitlob monitoraġġ kostanti biex jiġi żgurat li l-fornitur il-ġdid joffri kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin li jgħinu biex jinżamm persunal ta' kwalità;
86. Jitlob li l-iskedi tal-persunal tal-Parlament jiġu kkunsidrati sabiex il-ħinijiet tal-ftuħ tal-gym jiġu adattati biex jipprovdu servizz lil hinn mill-ħinijiet tax-xogħol l-aktar intensivi;
87. Jilqa' l-isforzi tal-Parlament biex jipprovdi ikliet ta' solidarjetà ta' kuljum li għenu biex jitnaqqas l-impatt finanzjarju, ekonomiku u soċjali fuq il-fornituri tal-ikel tiegħu u l-impjegati tagħhom; jinnota li l-Parlament qed ifittex li jsalva kemm jista' jkun impjiegi li huma raġonevoli mill-perspettiva tal-impjieg, iżda wkoll ġustifikabbli fil-kuntest tal-użu xieraq tal-baġit tal-Parlament;

¹³ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2017-0417_MT.html

¹⁴ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2019-0080_MT.html

¹⁵ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/B-9-2021-0587_MT.html

Politika tal-bini

88. Ifakkar li matul l-2020, l-amministrazzjoni kompliet l-implimentazzjoni tal-"Istrateġija tal-Bini lil Hinn mill-2019" tal-Parlament kif approvata mill-Bureau f'April 2018; josserva li din l-istrateġija tal-bini tapprova l-flessibbiltà bħala prinċipju ewlieni għall-allokazzjoni tal-uffiċċji kemm lill-Membri kif ukoll lill-membri tal-persunal u tippermetti li l-ispazju disponibbli jintuża b'mod aġġustabbli filwaqt li jiġi adattat għas-sitwazzjonijiet kollha possibbli fil-perjodu ta' wara l-COVID-19;
89. Jinnota li d-deċiżjoni li titwaqqaf id-distribuzzjoni ta' ilma sħun fl-uffiċċji tal-Membri fi Brussell u Strasburgu ttieħdet mill-Kwesturi fl-24 ta' Ottubru 2017 b'rabta mar-riskju għas-saħħa li tinholq il-preżenza ta' batterji tal-Legionella li jagħmlu l-ħsara lis-sistemi idrawliċi tal-bini li qed jeqdiemu u jiddeterjoraw; jenfasizza li l-ġlieda kontra l-batterja tal-Legionella hija waħda mill-aktar kompiti importanti fil-qasam tat-trattament u d-dizinfekzjoni tal-ilma; jitlob lis-Segretarjat jappella għal studju fil-fond sabiex jinstabu soluzzjonijiet adegwati għal din il-kwistjoni li ilha għaddejja għal żmien twil;
90. Jappoġġja l-organizzazzjoni ta' dibattitu dwar il-ħtiġijiet tal-ispazju tal-Parlament fid-dawl tal-effetti tal-pandemija tal-COVID-19, iż-żieda attwali u futura fit-telexogħol u, jekk ikun xieraq, l-adattament tal-istrateġija tal-bini fit-tul tiegħu; iħeġġeġ ir-rieżami tal-politika dwar il-bini biex jiġi vverifikat jekk għadux meħtieġ spazju għall-uffiċċji ddedikat għal kull membru tal-persunal, peress li bidla tista' tirriżulta fi ffrankar tal-ispazju għall-uffiċċji; iħeġġeġ lill-amministrazzjoni tiġbor flimkien kemm jista' jkun il-postijiet tax-xogħol skont it-telexogħol tal-membri tal-persunal, filwaqt li tkompli tiggarrantixxi spazju għall-uffiċċji għal kull membru tal-persunal li jitlob dan; jirrimarka, barra minn hekk, li għandha tingħata kunsiderazzjoni lill-effetti potenzjalment negattivi fuq is-saħħa u s-sodisfazzjon tal-persunal ta' Prattiki bħal spazji miftuħa, spazji kollaborattivi u "hot desking"; ifakkar fil-ħidma mwettqa mill-gruppi fokus u mill-grupp ta' ħidma dwar il-bini u jitlob l-involviment tagħhom f'dan id-dibattitu; jistieden lill-Bureau jieħu l-passi xierqa għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-grupp fokali 5, b'mod partikolari rigward il-ħolqien ta' kmamar tal-laqgħat aktar informali, kmamar multifunzjonali u mtejba għall-vidjokonferenzi f'konformità mal-politika ambjentali tal-Parlament;
91. jenfasizza li l-prattika ta' trasferiment ta' tlaqqit iffavorixxiet iffirankar ta' aktar minn EUR 100 miljun matul l-aħħar snin f'pagamenti ta' mgħax u b'hekk tikkostitwixxi l-aħjar Prattika għall-użu ta' flus il-kontribwenti fl-istituzzjonijiet pubbliċi; iħeġġeġ lill-Bureau jidentifika linji baġitarji addizzjonali li jistgħu jibbenefikaw minn din il-prattika; jinnota li din il-prattika għenet biex jiġi evitat l-infiq tal-fondi li fadal għal spejjeż mhux meħtieġa fi tmiem is-sena; ifakkar li t-trasferiment ta' tlaqqit jappoġġja l-istrateġija tal-bini fit-tul tal-Parlament li jkun proprjetarju tal-bini minflok ma jkrihom; ifakkar li r-ramassage ippermetta lill-Parlament jixtri l-bini Scholl strateġikament importanti fl-2020 u jħallas il-prezz sħiħ tax-xiri fi tranżazzjoni waħda u b'hekk ġew evitati aktar spejjeż ta' finanzjament;
92. Jinnota li parti importanti mill-istrateġija tal-bini tal-Parlament hija l-proġett il-ġdid tal-bini Adenauer, li jiġbor is-servizzi kollha tal-Parlament li joperaw fil-Lussemburgu taħt l-istess saqaf; josserva li l-ewwel parti ta' dan il-proġett (il-Parti tal-Lvant) tlestiet f'Ottubru 2020, u li għaddejjin ix-xogħlijiet biex tinbena l-parti finali - il-Parti tal-

Punent; jissottolinja li kif ġara fis-snin preċedenti, fl-2020 il-Kumitat għall-Baġit awtorizza trasferiment ta' "tlaqqit" għall-prefinanzjament tal-proġett, u li l-parti minn dan it-trasferiment iddedikat għall-bini Adenauer il-ġdid kienet tammonta għal madwar EUR 63,35 miljun;

93. Ifakkar li, fir-rigward tal-akkwist tal-bini Scholl, fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2020, il-Bureau approva t-tneċċija ta' prospettar tas-suq lokali tal-proprjetà fi Brussell u li l-Kumitat għall-Baġit kellu skambju ta' fehmiet dwar dan is-suġġett fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Ottubru 2020 fil-kuntest ta' Informazzjoni Bikrija;
94. Jifhem li, fi Brussell, id-deċiżjoni li jinxtara l-bini Scholl fl-2020 ippermettiet it-tlestija ta' pass ieħor tal-istrategġija tal-bini tal-Parlament, u li dan se jkompli jikkonsolida l-proprjetà immobbli tal-Parlament, filwaqt li jirfed l-interkonnnettività tal-bini ċentrali u jikkontribwixxi għal sigurtà mtejba; jisħaq li dan ix-xiri kien ukoll is-suġġett ta' trasferiment ta' tlaqqit, bl-użu tar-riżorsi finanzjarji ffrankati matul l-2020 permezz, fost l-oħrajn, ta' spejjeż imnaqqsa tal-ivvjaġġar, li ammontaw għal EUR 74.9 miljun;
95. Jinnota x-xiri tal-bini Scholl, li nxtara għal EUR 74.9 miljun, filwaqt li l-prezz tas-suq tal-bini qabel kien stmat li kien bejn EUR 42 miljun u EUR 65 miljun; jinnota li d-differenza bejn il-prezz tax-xiri u l-istima mill-espert estern għandha tiġi analizzata kontra s-sitwazzjoni fejn il-Parlament ma kienx jakkwista l-bini u kien jitlef investimenti li diġà saru; jinnota li l-kuntratt ta' użufrutt iffirmit mill-Parlament fl-2009 sfortunatament ma kienx jinkludi klawżola ta' ħruġ, li jfisser li l-Parlament fi kwalunkwe każ kien ikollu jħallas l-ammont sħiħ għall-bqija tal-perjodu kuntrattwali (madwar EUR 24 miljun), anki jekk ma kienx jakkwista l-bini;
96. Jissottolinja li, fi Brussell, xi bini li bħalissa huwa jew okkupat mill-Parlament jew huwa ta' interess strateġiku kbir minħabba l-pożizzjoni tiegħu u l-aspetti ta' sigurtà relatati, mhuwiex parti mill-portafoll ta' proprjetajiet tal-Parlament, kif kien il-każ bil-bini Scholl qabel ma ġiet akkwistat; jinnota li l-Istrategġija tal-Bini tal-Parlament lil Hinn mill-2019 tissottolinja l-importanza li l-binjiet ċentrali tal-Parlament ikunu proprjetà tal-Parlament u li jkunu interkonnessi u ssemmi Treves II bħala bini li huwa fl-interess tal-Parlament li jakkwista; jinnota li filwaqt li dawn il-kriterji huma importanti u għandhom jiġu analizzati bir-reqqa meta jiġi propost ix-xiri ta' bini ġdid, huma m'għandhomx ikunu l-uniċi kriterji kkunsidrati;
97. Jissottolinja li l-persunal tal-gruppi politiċi għandu ħtiġijiet speċifiċi f'termini ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli li ma jaqblux mar-regoli applikati għad-dħul fil-bini barra dak ewlieni (eż. aċċess mhux permess wara ċertu ħin jew matul tmiem il-ġimgħa); jiddispjaċih li wara d-dħul fis-seħħ tar-rekwiżit tal-kontroll tat-temperatura, il-persunal li jinsab fil-bini Trèves I kien obligat għal xi żmien li jagħmel it-test fil-bini Altiero Spinelli qabel ma jitħalla jidhul fil-bini Trèves I;
98. Jesprimi tħassib dwar il-problemi strutturali tal-bini Trèves I; jissottolinja l-ħtieġa urġenti li l-bini jiġi aġġornat għall-aktar normi enerġetiċi u ambjentali reċenti; jissottolinja l-ħtieġa ta' miżuri urġenti biex jissewew is-sistema instabbli tat-tisħin, innuqqas ta' arja kkundizzjonata u tojlits għall-persuni b'mobilità mnaqqsa, l-iżolazzjoni akustika ħażina, kif ukoll il-problema tad-drenaġġ;
99. Jinnota li l-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament huwa responsabbli għall-opinjoni u

d-deċiżjonijiet dwar proġetti relatati mal-bini b'implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti skont l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura; jinnota l-kompetenzi tal-Kumitat għall-Baġits skont l-Artikolu 266 tar-Regolament Finanzjarju fir-rigward tal-bini tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-uffiċċji kollha, inkluż il-Parlament; jissottolinja li dan jinkludi informazzjoni bikrija, informazzjoni dwar ippjanar, skrutinju u teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti u dettaljati kif ukoll l-awtorizzazzjoni ta' proġetti;

100. Jistieden lill-Bureau jqis l-ambjent il-ġdid tas-saħħa u s-sikurezza, kif ukoll iż-żieda fix-xogħol mill-bogħod, bħala kriterji għall-għażla ta' proposti ta' rinnovazzjoni u rikostruzzjoni tal-bini Paul-Henri Spaak, minħabba l-bidla fil-prattiki tax-xogħol u t-naqqis potenzjali futur tal-preżenza fiżika fil-Parlament;
101. Jistenna ppjanar u teħid ta' deċiżjonijiet aktar trasparenti u dettaljati, inkluż l-għoti ta' informazzjoni bikrija, b'kunsiderazzjoni dovuta għall-Artikolu 266 tar-Regolament Finanzjarju rigward il-politika immobiljari tal-Parlament;
102. Jieħu nota tad-deċiżjoni unanima tal-Bureau tat-23 ta' Ottubru 2019 li japprova l-ħolqien ta' Laboratorju IDEA fl-2020 bil-għan li jiġu ttestjati soluzzjonijiet ġodda u innovattivi fil-kuntest tal-uffiċċji u l-ġestjoni tal-faċilitajiet; jinnota li d-deċiżjoni tal-Bureau ma kienet ibbażata fuq l-ebda stima speċifika tal-ispejjeż; jinnota wkoll li bħala parti mill-Laboratorju IDEA, inbnew u ġew mgħammra matul l-2020 uffiċċju ta' Membru wieħed, bi spiża ta' EUR 486 012, u showroom kontigwu, bi spiża ta' mill-inqas EUR 203 978; iqis li l-użu prudenti u espedjenti tal-baġit allokat għal proġetti pilota ta' dan it-tip huwa importanti; ifakkar lill-Bureau li għandhom jiġu stabbiliti linji baġitarji ċari qabel ma jinbnew fi proġetti bħal dawn u li n-nefqa għandha tkun kontabilizzata b'mod trasparenti; iqis li l-ittestjar ta' soluzzjonijiet innovattivi ta' ġestjoni tal-uffiċċji u tal-faċilitajiet huwa utli b'mod ġenerali iżda jqis li l-ispejjeż għandhom jibqgħu raġonevoli u ġustifikabbli; jinnota li huwa importanti li proġetti bħal dan jibbenefikaw mill-valutazzjoni ta' firxa ta' Membri u APAs sabiex jiġu garantiti l-aktar riżultati validi tat-testijiet;
103. Ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet tal-grupp fokali 5 fl-evalwazzjoni tal-għodod tal-IT tal-IDEA Lab, li inkludew aktar kmamar tal-laqgħat mgħammra aħjar, uffiċċji b'faċilitajiet ta' laqgħat mill-bogħod/web-streaming u vidjokonferenzi mtejbja b'firxa usa' ta' karatteristiċi;
104. Ifakkar li matul il-laqgħat tal-Bureau tas-16 ta' Diċembru 2019, tat-22 ta' Lulju 2020, tal-24 ta' Settembru 2020, tas-16 ta' Diċembru 2020 u tat-18 ta' Jannar 2021, il-membri tal-Bureau ssuġġerew li l-IDEA Lab jittestja soluzzjonijiet fil-qasam tal-prestazzjoni ambjentali, l-effiċjenza enerġetika, is-sigurtà (speċjalment is-serraturi elettroniċi), l-IT u t-telexogħol kif ukoll l-istrateġija tal-innovazzjoni tal-ICT;
105. Jinnota li bħala parti mill-IDEA Lab, iż-żona ta' u madwar uffiċċju wieħed fil-15-il sular isservi bħala żona ta' ttestjar u li din iż-żona ġiet sostanzjalment adattata bi spiża ta' EUR 629 259 matul l-2020; ifakkar li t-tneħħija tal-kmamar tal-banju modulari fl-uffiċċji tal-Membri ġiet ittestjata fl-IDEA Lab u hija meqjusa bħala gwadann fi spazju potenzjali li jista' jinkiseb fl-uffiċċji kollha bejn il-5 u l-10 snin li ġejjin; ifakkar li huwa biss fil-15-il sular li huwa possibbli li jinqatgħu u jiġu iżolati l-pajpijiet tal-ilma eżistenti u li jiġu aġġustati l-kanali tal-ventilazzjoni mingħajr qtugħ permanenti tal-ilma

għas-sulari l-oħra;

106. Jissottolinja li l-Bureau fil-laqgħa kostituttiva tiegħu tas-26 ta' Jannar 2022 gēdded l-appoġġ għall-IDEA Lab; jilqa' l-fatt li l-IDEA Lab issa dieħel f'fażi li fiha r-riflessjonijiet li eżistew mill-bidu jistgħu jiġu implimentati, jiġifieri li jiġu integrati l-ispejjeż tal-ittejtjar u l-applikazzjonijiet f'linja baġitarja waħda għall-ġestjoni tal-proġetti tal-IDEA Lab minn naħa waħda, u dwar il-linji baġitarji korrispondenti fid-direttorati ġenerali inkarigati mill-applikazzjonijiet individwali min-naħa l-oħra;
107. Jilqa' l-fatt li l-estensjoni tal-iskola preprimarja WAYENBERG fi Brussell tlestiet f'Settembru 2020; jiddispjaċih li x-xogħlijiet komplew waqt li t-tfal u l-familji tagħhom kienu qed jattendu l-iskola, f'xi każijiet kellhom jgħaddu qrib ħafna tax-xogħlijiet, meta jitqies il-periklu li dan jinvolvi; jistieden lill-Bureau jibda fl-2022 studji tekniċi biex jidentifika possibbiltajiet addizzjonali biex il-konsum tal-enerġija jitnaqqas aktar u tiżdied il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u jimplimentahom malajr kemm jista' jkun;
108. Jilqa' l-fatt li l-approċċ strateġiku relatat mal-implimentazzjoni ta' Europa Experiences fl-Istati Membri kollha sa tmiem l-2024, kif deċiż mill-Bureau f'Novembru 2019, issaħħaħ f'Novembru 2020 bl-adozzjoni mill-Bureau ta' skeda ta' żmien għall-iskjerament tal-faċilitajiet fl-Istati Membri kollha; jesprimi bil-qawwa l-fehma li l-uffiċċji ta' kollegament tal-Parlament Ewropew u Europa Experiences huma wħud mill-aħjar għodod mhux vinkolanti li l-Unjoni u l-Parlament iridu jippromwovu l-ħidma tal-istituzzjonijiet u l-benefiċċji tal-Unjoni għaċ-ċittadini; iħeġġeġ lill-Parlament u lill-Kummissjoni jkomplu jstabilixxu Europa Experiences ġodda fil-bliet kapitali u l-postijiet kollha ta' importanza strateġika fid-dawl tal-elezzjonijiet Ewropej li jmiss tal-2024; jappoġġja kuntratt formalizzat biex jinqasmu l-ispejjeż kollha għall-Europa Experience bejn il-Kummissjoni u l-Parlament biex jiġi żgurat finanzjament sod fit-tul tal-postijiet;

Ċibersigurtà

109. Ifakkar fil-valur miżjud ta' software b'xejn u b'sors miftuħ fit-titjib tas-sigurtà peress li dan jippermetti lill-Parlament jidentifika u jikkoreġi d-dgħufijiet, iżomm kontroll fuq id-data billi jospita fis-servers tiegħu u jfassal soluzzjonijiet skont l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu stess, filwaqt li jkun jista' jevita effetti ta' intrappolament tal-klijentela;
110. Ifakkar fil-preferenza tiegħu għal soluzzjonijiet ta' software b'xejn u b'sors miftuħ minflok dawk proprjetarji meta jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet interni ġodda; jitlob li l-korpi governattivi tal-ICT jiġu informati dwar is-sitwazzjonijiet fejn ma jintgħażlux soluzzjonijiet b'sors miftuħ;
111. F'konformità mar-riżoluzzjoni ta' kwittanza preċedenti tal-Parlament u sabiex tiżdied b'mod sinifikanti l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni interna tiegħu, jitlob lis-servizzi rilevanti jittestjaw l-integrazzjoni u l-użu ta' soluzzjonijiet għal messaġġi istantanji u laqgħat virtwali li huma bbażati fuq sors miftuħ, ospitati fis-servers tal-Parlament, u li jippermettu komunikazzjoni sigura bħal Matrix u Jitsi;
112. Japprezza li s-servizzi tal-Parlament qed jaħdmu biex itejbu aktar il-kwalità u l-aċċessibilità tad-data disponibbli għall-pubbliku tal-istituzzjoni billi jadottaw prinċipji

ta' data miftuħa għall-użu mill-ġdid u r-ridistribuzzjoni, li ġew ippreżentati lill-grupp ta' ħidma tal-Bureau dwar l-Innovazzjoni fl-ICT f'April 2021; jilqa' l-inizjattiva tal-portal tad-data miftuħa tal-Parlament, li għandha l-għan li takkomoda settijiet tad-data disponibbli pubblikament b'mod faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent, kif ukoll tipprovdi data f'format interoperabbli u li jinqara mill-magni u b'hekk tqiegħed fil-prattika l-prinċipji tad-data miftuħa dwar il-ftuħ tekniku, legali, Prattiku u soċjali;

113. Jinnota li l-għadd ta' attacchi ċibernetiċi qed jiżdied drastikament u li dawk l-attakki jistgħu jikkawżaw ħsara konsiderevoli lis-sistemi tal-IT tal-Parlament, sal-punt li jaffettwaw il-kapaċità tal-istituzzjoni li tiffunzjona; jilqa' l-fatt li s-Segretarju Ġenerali adotta politika dwar is-sigurtà tal-informazzjoni f'Ġunju 2020, fejn identifika l-kategoriji differenti ta' data u stabbilixxa l-kundizzjonijiet relatati li jridu jiġu osservati għat-trattament u l-ħżin tagħha, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u valutazzjoni tas-sigurtà; jinnota bi tħassib il-kwistjonijiet kritiċi mqajma mis-Segretarju Ġenerali rigward iċ-ċibersigurtà, inkluż in-nuqqas ta' persunal; iħeġġeġ lill-Parlament jieħu malajr il-miżuri xierqa kollha biex isaħħaħ kemm l-istruttura tal-IT tiegħu kif ukoll il-persunal taċ-ċibersigurtà tiegħu;

Skema ta' pensjoni volontarja

114. Ifakkar li mill-31 ta' Diċembru 2020, id-defiċit attwarju tal-Fond kien ammonta għal EUR 371,3 miljun, meta mqabbel ma' EUR 328,6 miljun mill-31 ta' Diċembru 2019;
115. Ifakkar li l-fond ġie stabbilit fl-1990 biex jipprovdi lill-Membri bi skema addizzjonali ta' pensjonijiet fuq bażi volontarja; ifakkar li qabel ġie introdott l-Istatut tal-Membri fl-2009, il-Membri kienu diġà eliġibbli għal pensjoni ekwivalenti għal dik tal-kollegi tagħhom fil-parlamenti nazzjonali, bl-eċċezzjoni tal-Membri Taljani, Franċiżi u Lussemburgiżi, li jistgħu għalhekk jikkontribwixxu għal skemi speċjali tal-pensjonijiet tal-Parlament Ewropew, li nħolqu fl-1981 unikament għall-bżonnijiet tat-tliet nazzjonalitajiet imsemmija hawn fuq; ifakkar għalhekk li l-fond ta' pensjoni volontarja dejjem kien jikkostitwixxi pensjoni purament supplementari¹⁶;
116. Ifakkar li, fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2018, il-Bureau ddeċieda li jimmodifika r-regoli applikabbli għall-iskema tal-pensjoni billi jżid l-età tal-irtirar minn 63 għal 65 sena u jintroduċi imposta ta' 5 % fuq il-pagamenti tal-pensjoni għall-pensjonanti futuri bil-għan li jtejjeb is-sostenibbiltà tagħha, li tiġi indirizzata l-problema dejjem akbar tal-likwidità u li jitnaqqas id-defiċit attwarju u l-konsegwenzi negattivi għall-kontribwenti tal-Unjoni; ifakkar li d-deċiżjoni tal-Bureau tal-10 ta' Diċembru 2018 tapplika biss għall-pensjonijiet stabbiliti wara l-1 ta' Jannar 2019, u li bħala tali, ma taffettwax lill-benefiċjarji li jkunu rtiraw qabel dik id-data;
117. Jirrimarka li d-deċiżjoni tal-Bureau ġiet sfidata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja minn għadd ta' membri tal-Fond tal-Pensjoni; jisħaq li fis-sentenzi tagħha tal-15 ta' Settembru 2021 fil-kawżi konġunti T-720/19 sa T-725/19¹⁷, *Richard Ashworth and Others v Il-Parlament Ewropew*, il-Qorti kkonkludiet li d-drittijiet diġà akkwistati ma kinux affettwati mid-deċiżjoni kkontestata tal-Bureau u li l-Qorti tal-Ġustizzja

¹⁶ [https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2021/659763/IPOL_STU\(2021\)659763_MT.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2021/659763/IPOL_STU(2021)659763_MT.pdf)

¹⁷ Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2021, *Richard Ashworth and Others v Il-Parlament Ewropew*, T-725/19, ECLI:EU:T:2018:580.

kkonfermat ukoll il-kompetenza tal-Bureau li jadotta deċiżjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu s-sostenibbiltà tal-fond; jinnota li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet ukoll li d-deċiżjoni tal-Bureau tal-10 ta' Diċembru 2018 irrispettat il-prinċipju tal-proporzjonalità; jinnota li s-sentenzi ngħataw fil-15 ta' Settembru 2021, u li l-Parlament jinsab fil-proċess li jeżamina l-implikazzjonijiet tagħhom bil-għan li jippreżenta proposti addizzjonali biex tittejjeb is-sostenibbiltà tal-fond lill-Bureau;

118. Josserva bi tħassib li l-Qorti tal-Ġustizzja tistma li l-fond se jkun insolventi sal-2024, filwaqt li l-aħħar pagamenti tal-fond huma stmati li jsiru biss sal-2091; itenni li l-impenn tal-Bureau stess li jggarantixxi l-fond ma jikkostitwixxix obbligu legali li jiġu ggarantiti livelli partikolari ta' ħlasijiet tal-fond peress li ma jeżisti l-ebda kuntratt bejn il-fond u l-Parlament; jappella lill-Bureau, lill-bord tad-diretturi u lill-membri tal-fond tal-pensjoni volontarja biex jappoġġjaw miżuri li għandhom l-għan li jillimitaw id-defiċit tal-fond tal-pensjoni volontarja, filwaqt li jikkunsidraw kwalunkwe miżura oħra f'dan id-dawl;
119. Jinnota b'interess li, skont is-Servizz Legali tal-Parlament, jirriżulta miż-żewġ sentenzi li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li d-drittijiet miksuba bħala tali, tal-Membri li diġà ssodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-akkwist tad-dritt għall-pensjoni volontarja addizzjonali, huma protetti bis-sħiħ skont il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni; jinnota, madankollu, li s-sentenzi jikkonfermaw ukoll li dan ma jżommx lill-Bureau milli jimmodifika l-kundizzjonijiet kif ukoll il-modalitajiet ta' dan il-grupp ta' Membri bil-kundizzjoni li l-prinċipju tal-proporzjonalità jiġi rrispettat kif xieraq, kif ukoll għal dawk il-Membri li għadhom ma ssodisfawx il-kundizzjonijiet kollha għall-akkwist tad-drittijiet tal-pensjoni u li għalhekk għandhom biss intitolamenti futuri skont l-iskema tal-pensjoni, sitwazzjoni li hija kkonfermata ulterjorment mis-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Settembru 2020 fil-kawża C-223/19, *YS v NK*¹⁸; jitlob lill-amministrazzjoni u lill-Bureau jggarantixxu li l-ebda flus tal-kontribwenti ma jintużaw għal kwalunkwe salvataġġ futur; iqis li rieżami tal-mudell finanzjarju tal-fond ma jkunx biżżejjed biex jipprevjeni li jintużaw flus addizzjonali tal-kontribwenti għall-pagamenti futuri; iħeġġeġ lis-Segretarju Ġenerali għalhekk jipproponi wkoll miżuri dwar l-aġġustament tal-modalitajiet tal-fond, inkluża żieda ulterjuri fl-età tal-irtirar u tnaqqis fil-benefiċċji tal-pensjoni mħallsa;
120. Jinnota li x-xogħol ta' awditjar tal-Qorti dwar il-baġit ġenerali u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni jinkludi eżami tal-obbligazzjonijiet tal-pensjonijiet, inkluża l-iskema ta' pensjoni volontarja għall-Membri; jistieden għal darb'oħra lill-Qorti tippreżenta opinjoni ġdida dwar il-fondi tal-pensjoni volontarji, filwaqt li tinvestiga l-għażliet kollha possibbli biex tillimita d-defiċit tagħha, meta jitqies li dan jista' jgħin biex jiġu investigati aktar miżuri għall-ġestjoni tal-fondi;
121. Ifakkar li r-risoluzzjoni ta' kwittanza tal-Parlament tal-2017 talbet lis-Segretarju Ġenerali jressaq kwalunkwe sejba b'reazzjoni għall-investigazzjoni dwar il-pedamenti legali tal-iskema; jissottolinja li din l-investigazzjoni għandha titwettaq minn entità indipendenti;

Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard

¹⁸ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Settembru 2020, *YS v NK*, C-223/19, ECLI:EU:C:2020:753.

122. Jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' fehim fi ħdan il-fora tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-approvazzjoni tal-iskema konġunta tal-assigurazzjoni tal-mard (JSIS) fir-rigward ta' trattamenti ġodda, xejriet mediċi u mediċini li għadhom mhumiex approvati b'mod partikolari marbuta ma' dehriet ġodda ta' mard nervuż, disturbu awtoimmuni kif ukoll mard tal-kanċer; jitlob li l-korpi rilevanti fi ħdan il-JSIS debitament u regolarment iqisu l-iżviluppi mediċi reċenti u l-kisbiet tal-għarfien meta jaġġornaw il-lista ta' trattamenti u mediċini eliġibbli; jitlob li l-JSIS turi aktar flessibbiltà meta tivvaluta kwadri kliniċi kif ukoll trattamenti u terapiji sussegwenti li jistgħu jgħinu lil pazjent; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' gruppi ta' esperti, li jistgħu jivvalutaw u japprovaw trattamenti li għadhom mhumiex approvati, mediċini farmaċewtiċi, u mediċini biex itejbu l-kwalità tat-trattament tal-applikanti, inaqqsu l-piż burokratiku, u jakkomodaw l-aktar informazzjoni medika reċenti meta jittrattaw it-talbiet għar-rimborż;
123. Jistieden lill-Bureau jiżgura li l-JSIS tipprovdi spjegazzjoni koerenti u individwali għar-rifjut ta' talba għal rimborż; jiddispjaċih dwar il-kultura ta' rifjut ta' talba għal rimborż f'format pdf mingħajr il-possibbiltà li d-deċiżjoni tiġi kkontestata personalment; jistieden lill-Bureau jintroduċi l-possibbiltà li t-tobba lokali inkarigati mit-trattament ta' applikant jikkellmu mal-unità jew mal-grupp ta' esperti tal-JSIS responsabbli biex jispjegaw it-trattament u l-benefiċċji mediċi; jesprimi wkoll ix-xewqa tiegħu li tittejjeb il-faċilità tal-użu tal-applikazzjoni li jippermetti segwitu aktar rapidu u aktar dirett ta' talbiet individwali;

Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija

124. Ifakkar li r-Regolament Finanzjarju jispeċifika l-informazzjoni li trid tiġi fornuta lill-awtorità baġitarja, kif ukoll lill-pubbliku, dwar l-għoti ta' kuntratti mill-istituzzjoni; jinnota li r-Regolament Finanzjarji jirrikjedi l-pubblikazzjoni tal-kuntratti mogħtija ta' valur oġġla minn EUR 15 000, valur li jikkorrispondi għal-limitu minimu li jekk jinqabeż jiskatta l-obbligu tal-proċedura kompetittiva ta' offerti;
125. Jinnota li minn total ta' 198 kuntratt mogħtija fl-2020, 60 kienu bbażati fuq proċeduri miftuħa jew ristretti, b'valur ta' EUR 405,2 miljun, u 136 kienu bbażati fuq proċeduri negozjati, b'valur totali ta' EUR 179,1 miljun; jinnota li l-għadd totali ta' kuntratti mogħtija bi proċeduri negozjati żdied f'termini ta' valur bħala perċentwal tal-valur totali ta' kuntratti mogħtija, minn 26 % fl-2019 għal 31 % fl-2020, iżda naqas f'termini ta' volum, minn EUR 208,53 miljun fl-2019 għal EUR 179,1 miljun fl-2020;
126. Jinnota li l-kuntratti mogħtija fl-2019 u fl-2020 jistgħu jinqasmu kif ġej skont it-tip, inklużi l-kuntratti ta' bini:

Tip ta' kuntratt	2020		2019	
	Għadd	Perċentwal	Għadd	Perċentwal
Servizzi	161	81 %	177	78 %
Provvista	21	10 %	33	15 %
Xogħlijiet	13	7 %	13	6 %
Bini	3	2 %	2	1 %
Totali	198	100 %	225	100 %

Tip ta' kuntratt	2020		2019	
	Valur (f'EUR)	Perċentwal	Valur (f'EUR)	Perċentwal
Servizzi	457 940 293	77 %	581 610 182	72 %
Provvista	14 143 825	3 %	85 741 237	10 %
Xogħlijiet	28 291 234	5 %	135 211 526	17 %
Bini	86 812 000	15 %	4 260 000	1 %
Totali	587 187 352	100 %	806 822 945	100 %

(Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija mill-Parlament Ewropew, 2020, p. 6)

127. Jinnota t-tqassim tal-kuntratti mogħtija fl-2020 u fl-2019 skont it-tip ta' proċedura użata kif ġej, f'termini ta' għadd u ta' valur:

Tip ta' proċedura	2020		2019	
	Għadd	Perċentwal	Għadd	Perċentwal
Miftuħa	57	29 %	82	36.44 %
Ristretta	3	2 %	1	0.44 %
Negożjata	135	68 %	141	62.68 %
Lista CEI	1	0 %	0	-
Eċċezzjonali	1	0 %	1	0.44 %
Sħubija għall-innovazzjoni	1	1 %	-	0 %
Totali	198	100 %	225	100 %

Tip ta' proċedura	2020		2019	
	Valur (f'EUR)	Perċentwal	Valur (f'EUR)	Perċentwal
Miftuħa	400 464 868	68 %	595 584 380	74 %
Ristretta	4 722 196	1 %	1 735 269	0 %
Negożjata	179 199 392	31 %	208 533 296	26 %
Lista CEI	27 000	0 %	-	-
Eċċezzjoni	16 000	0 %	970 000	0 %
Sħubija għall-Innovazzjoni	2 757 876	0 %	-	-
Totali	407 987 960	100 %	806 822 945	100 %

128. Jinnota l-fatt li 72 % tal-proċeduri nnegożjati eċċezzjonali mnedija fl-2020 mill-Parlament għal kuntratti b'valur ta' aktar minn EUR 15 000 jieħdu l-Punt 11.1(b) tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju bħala l-bażi ġuridika tagħhom, b'referenza għall-użu ta' operatur ekonomiku wieħed għal raġunijiet tekniċi jew artistiki, jew għal raġunijiet marbuta mal-protezzjoni tad-drittijiet esklużivi, u li 20 % użaw bħala l-bażi ġuridika tagħhom il-Punt 11.1(c) tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju, li jirrigwarda każijiet ta' urġenza estrema għal raġunijiet mhux attribwibbli għall-awtorità kontraenti u 2 % (proċedura waħda) użaw bħala l-bażi ġuridika tagħhom il-Punt 11.1(a), li jirrigwarda servizzi fejn ma tkun ġiet sottomessa l-ebda offerta jew l-ebda offerta xierqa; josserva, pereżempju, li s-26 proċedura nnegożjati b'mod eċċezzjonali li ntużaw mid-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari tal-Parlament fl-2020 huma bbażati fuq il-punt 11.1(b) tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju li jirrigwarda operatur ekonomiku uniku u l-protezzjoni tad-drittijiet esklużivi kienet tikkonċerna abbonamenti għal bażijiet tad-data online jew aġenziji tal-istampa;
129. Jilqa' l-intenzjoni tal-Parlament li jintroduċi rappurtar dwar is-sostenibbiltà, li se jinkludi aspetti soċjali tal-akkwist, jistieden lill-Parlament jimmonitorja l-iżviluppi fil-qasam tal-akkwist pubbliku soċjali u sostenibbli, bħall-ħidma tal-OECD dwar l-akkwist pubbliku u l-imġiba responsabbli fin-negożju, kif ukoll il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li jmiss dwar id-diliġenza dovuta korporattiva; jemmen li bl-inkorporazzjoni ta' standards kummerċjali responsabbli fil-politiki tal-akkwist u tax-xiri tiegħu, il-Parlament jista' jmexxi bl-eżempju, jissalvagwardja l-interess pubbliku u jiżgura r-responsabbiltà tal-infiq pubbliku; ifaħħar lis-servizzi responsabbli tal-Parlament għall-estensjoni tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali tal-Parlament biex tkopri elementi oħra ta' sostenibbiltà, kif ukoll it-twaqqif ta' grupp ta' ħidma dwar l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli;
130. Jilqa' t-tneħħija sħiħa tal-kameras termali prodotti minn Hikvision użati fil-bini tal-Parlament; jistieden lill-Parlament jipprevjeni x-xiri u l-użu ta' prodotti li setgħu ġew prodotti bi ksur tal-istandards ta' sostenibbiltà u d-drittijiet tal-bniedem fil-futur; jinsab konvint li dan jista' jinkiseb primarjament billi jiġu inkorporati d-drittijiet tal-bniedem u l-istandards u l-prattiki ta' diliġenza dovuta ambjentali fil-proċeduri ta' akkwist tal-Parlament;
131. Jinnota li kien hemm 1415-il offerta b'offerent uniku fl-2020, li 89 minnhom kienu jikkonċernaw kuntratti li jaqbżu l-limitu ta' EUR 15 000, meta mqabbla ma' 1369 offerta b'offerent uniku fl-2019; 102 minnhom kienu jikkonċernaw kuntratti li jaqbżu l-limitu ta' EUR 15 000; itenni li l-offerti b'offerent uniku jgħorru riskju sinifikanti għall-prinċipju tal-kompetizzjoni u għall-kisba tal-aħjar valur għall-flus pubbliċi; itenni l-appell tiegħu lill-Parlament biex jinvestiga r-raġunijiet għan-nuqqas apparenti ta' kompetizzjoni u biex jieħu l-miżuri meħtieġa biex inaqqas l-għadd ta' offerti b'offerent uniku fi proċeduri futuri;

Gruppi politiċi (linja baġitarja 400)

132. Jinnota li, fl-2020, l-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt il-partita baġitarja 400, attribwita lill-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati, intużaw kif ġej¹⁹:

¹⁹ L-ammonti kollha qed jiġu espressi f'eluf ta' EUR.

Grupp	2020					2019 (1)				
	Approprjaz zjonijiet annwali	Riżorsi proprji u approprjaz zjonijiet riportati	Nefqa	Rata ta' utilizzazzjoni tal-approprjaz zjonijiet annwali	Ammonti riportati għall-perjodu li jmiss	Approprjaz zjonijiet annwali	Riżorsi proprji u approprjaz zjonijiet riportati	Nefqa	Rata ta' utilizzazzjoni tal-approprjaz zjonijiet annwali	Ammonti riportati għall-perjodu li jmiss
Grupp tal-Partit Popolari Ewropew (PPE)	17.239	4.448	11.489	66,65	10.198	17.139	4.253	16.993	99,15	4.399
Alleanza Progressiva tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi (S&D)	13.609	5.734	9.533	70,05	9.809	14.611	4.807	13.705	93,80	5.710
Renew Europe (dik li kienet l-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-	9.230	3.847	4.063	44,02	6.922	7.721	1.627	5.510	71,37	3.838
Grupp tal-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea (Verts/ALE)	6.381	2.376	4.054	63,53	4.703	5.573	1.388	4.585	82,27	2.376
Grupp Identità u Demokrazija (ID) (3)	7.121	1.616	3.976	55,84	4.761	3.244	0	1.629	50,22	1.615
Grupp tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej (ECR):	5.851	2.272	4.145	70,85	3.978	6.053	1.946	5.730	94,66	2.270
Grupp Konfederali tax-Xellug Magħqud Ewropew - Xellug Aħdar	3.790	1.536	3.060	80,72	2.266	4.156	1.110	3.731	89,77	1.535
Grupp għal Ewropa tal-Libertà u d-Demokrazija Diretta (EFDD) (2)	0	0	0	0,00	0	1.851	1.915	1.508	81,45	0
Grupp għal Ewropa tan-Nazzjonijiet u tal-Libertà (ENF) (2)	0	0	0	0,00	0	1.620	653	1.609	99,34	0
Membri mhux affiljati	1.726	738	429	24,82	1041	2.019	367	481	23,84	738
Totali	64.947	22.568	40.749	62,74	43.678	63.987	18.067	55.481	86,71	22.482

Noti għat-tabella ta' hawn fuq:

- (1) *l-2019 kienet sena elettorali; il-kontijiet ġew sottomessi minn gruppi politiċi bbażati fuq is-semesters. Għall-gruppi politiċi li komplew l-attività tagħhom wara l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, iċ-ċifri għall-appropriazzjonijiet u l-infiq annwali jirreferu għas-somma taż-żewġ semestri.*
- (2) *Għall-gruppi politiċi li ġew xolti wara l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, iċ-ċifri huma għall-ewwel semestru biss.*
- (3) *Għall-gruppi politiċi li ma kinux jeżistu qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, iċ-ċifri huma biss għat-tieni semestru.*

133. Jilqa' l-fatt li awdituri esterni indipendenti għall-gruppi politiċi haġġu biss opinjonijiet mhux kwalifikati għas-sena finanzjarja 2020;

Partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej

134. Josserva li, skont dak ir-Regolament (EU, Euratom) Nru 1141/2014, fl-2019 l-Awtorità rrieżaminat għall-ewwel darba, il-kontijiet tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet relatati mas-sena finanzjarja 2018; jilqa' l-fatt li t-tieni rieżami tal-kontijiet finanzjarji tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi relatati mas-sena finanzjarja 2019 wera li dawn jiddependu dejjem aktar fuq il-formati u l-mudelli pprovduti mill-Awtorità, li jżid il-komparabbiltà u l-akkuratezza tal-informazzjoni sottomessa;

135. Jinnota li l-maġġoranza l-kbira tal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej jiġi minn sorsi pubbliċi u, għalhekk, jirrikjedi l-ogħla livell ta' trasparenza u obbligu ta' rendikont; jissottolinja li l-Awtorità għandha ttiprovdi informazzjoni li tkopri r-reġistrazzjoni u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-partiti politiċi u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej sa fejn ikun possibbli; jilqa' l-isforzi li saru mill-Awtorità biex tagħmel aċċessibbli għaċ-ċittadini firxa wiesgħa ta' informazzjoni fuq is-sit web tagħha; jistieden lill-Awtorità tiżgura li d-dokumenti ppubblikati fis-sit web tagħha jkunu faċli għall-utent, kompluti u aġġornati u jirrikonoxxi t-tħabbira tal-Awtorità matul is-seduta ta' smiġh tagħha biex tlesti eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-aċċessibbiltà tas-siti web;

136. Jirrimarka li l-Awtorità għandha setgħat limitati fir-rigward tal-verifika ta' jekk partit jew fondazzjoni reġistrata humiex qed jiksru l-valuri ewlenin tal-Unjoni u s'issa qatt ma skattat il-proċedura ta' konformità mal-valuri kumplessi; jappella għat-tiżgħir tal-istruttura amministrattiva attwali tal-Awtorità sabiex tiġi mmonitorjata aħjar il-konformità tagħha mar-regoli rilevanti u l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet, kif ukoll biex jiġu żgurati l-indipendenza u n-newtralità sħiħa tagħha;

137. Jinnota li, fl-2020, l-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt il-linja baġitarja 402 intużaw kif ġej²⁰:

²⁰ L-ammonti kollha qed jiġu espressi f'eluf ta' EUR.

Partit (2020)	Taqisira	Ir-riżorsi proprji	Kontribuzzjon i finali tal-PE (1)	Dħul totali	Kontribuzzjoni tal-PE bħala % tannefqa rimborżabbli (massimu 90 %)	Bilanċ pożittiv mid-dħul (trasferiment għar-riżervi jew telf)
Partit Popolari Ewropew	PPE	1.229.780	6.603.847	7.833.627	90%	552.688
Partit tas-Soċjalisti Ewropej	PSE	1.067.410	5.102.420	6.169.830	90%	555.149
Partit tal-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa	ALDE	568.429	3.069.202	3.637.631	90%	964.177
Partit Ewropew tal-Ħodor	PHE	545.613	2.476.829	3.022.442	90%	536.571
Partit tax-Xellug Ewropew	XE	289.330	1.163.617	1.452.947	90%	98.874
Partit Demokratiku Ewropew	PDE	102.152	289.080	391.232	90%	102.842
Alleanza Ewropea Ħielsa	ALE	125.543	695.550	821.093	90%	91.784
Partit tal-Konservattivi u Riformisti Ewropej	Partit ECR	335.408	1.632.616	1.968.024	82%	-
Moviment Politiku Kristjan Ewropew	MPKE	84.026	557.375	641.401	90%	3.465
Partit Identità u Demokrazija	Partit ID	154.160	604.526	758.686	90%	26.779
TOTALI		4.501.851	22.195.062	26.696.913		2.932.329

(1) Magħmul mit-tieni parti tal-finanzjament finali tal-2019 u l-ewwel parti tal-finanzjament finali tal-2020 skont id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-14 ta' Frar 2022.

138. Jinnota li, fl-2020, l-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt il-linja baġitarja 403 intużaw kif ġej²¹:

Fondazzjoni (2020)	Taqisira	Affiljata mal-partit	Ir-riżorsi proprji	Għotja finali tal-PE	Dħul totali	Għotja tal-PE bħala % tal-ispejjeż eleġibbli	Bilanċ pożittiv mid-dħul (trasferiment għar-riżervi)
--------------------	----------	----------------------	--------------------	----------------------	-------------	--	--

²¹ L-ammonti kollha qed jiġu espressi feluf ta' EUR.

						(massim u 95 %)	jew telf)
Ċentru għall-Istudji Ewropej Wilfried Martens	ĊSEWM	PPE	296.292	3.947.722	4.244.014	95%	23.529
Fondazzjoni għal Studji Progressivi Ewropej	FEPS	PSE	328.973	4.555.512	4.884.485	95%	35.590
Forum Liberali Ewropew	FLE	ALDE	298.273	2.710.157	3.008.430	95%	136.821
Fondazzjoni Ħadra Ewropea	FHE	PHE	116.727	1.965.047	2.081.774	95%	7.093
Inbiddu l-Ewropa	TE	XE	69.685	1.102.913	1.172.598	95%	6.805
Istitut tad-Demokratiċi Ewropej	IDE	PDE	25.517	448.110	473.627	95%	0
Fondazzjoni Coppieters	Coppieters	ALE	63.243	515.401	578.644	95%	19.056
Direzzjoni Ġdida - Fondazzjoni għar-Riforma Ewropea	ND	Partit ECR	183.131	1.678.350	1.861.481	95%	61.993
Sallux	SALLUX	MPKE	21.278	299.291	320.569	95%	3.307
Fondazzjoni tal-Assoċjazzjoni għall-Identità u d-Demokrazija	Fondazzjoni ID	Partit ID	35.501	456.075	491.576	95%	-
TOTALI			1.438.620	17.678.578	19.117.198		294.193

139. Ifakkar li, skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, il-Parlament adotta r-rapport tiegħu dwar l-applikazzjoni ta' dak ir-regolament fis-

26 ta' Ottubru 2021²²; jilqa' l-proposta leġislattiva tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2021 biex jiġi emendat ir-regolament²³;

140. Jemmen li l-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jagħmlu użu akbar minn teknoloġiji ġodda sabiex itejbu t-trasparenza u t-traċċabilità tad-donazzjonijiet u l-infiq;

²² P9_TA(2021)0454.

²³ COM(2021) 734.

**ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Il-lista li ġejja hija kkompilata fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-Rapporteur. Ir-rapporteur irċeviet kontribut mill-entitajiet jew mill-persuni li ġejjin fit-tnejn tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-komitat:

Entità u/jew persuna
Komitat tal-Persunal tal-APA, 27.10.2021
Komitat tal-Persunal tal-Parlament Ewropew, 19.11.2021
Transparency International (TI EU), 08.12.2021
Delegazzjoni tal-Interpreti tal-Persunal fil-PE, 14.12.2021

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	28.2.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 2 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Matteo Adinolfi, Gilles Boyer, Olivier Chastel, Caterina Chinnici, Lefteris Christoforou, Corina Crețu, Ryszard Czarnecki, José Manuel Fernandes, Luke Ming Flanagan, Daniel Freund, Isabel García Muñoz, Monika Hohlmeier, Jean-François Jalkh, Pierre Karleskind, Mislav Kolakušić, Joachim Kuhs, Claudiu Manda, Alin Mituța, Markus Pieper, Michèle Rivasi, Sándor Rónai, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Angelika Winzig, Lara Wolters, Tomáš Zdechovský
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Joachim Stanisław Brudziński, Mikuláš Peksa, Elżbieta Rafalska

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

26	+
ECR	Joachim Stanisław Brudziński, Ryszard Czarnecki, Elżbieta Rafalska
ID	Joachim Kuhs
PPE	Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Monika Hohlmeier, Markus Pieper, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Angelika Winzig, Tomáš Zdechovský
Renew	Gilles Boyer, Olivier Chastel, Pierre Karleskind, Alin Mituța
S&D	Caterina Chinnici, Corina Crețu, Isabel García Muñoz, Claudiu Manda, Sándor Rónai, Lara Wolters
The Left	Luke Ming Flanagan
Verts/ALE	Daniel Freund, Mikuláš Peksa, Michèle Rivasi

2	-
ID	Matteo Adinolfi, Jean-François Jalkh

1	0
NI	Mislav Kolakušić

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni